



2024/847

13.3.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/847

tat-12 ta' Marzu 2024

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ⁽¹⁾.
- (2) Fit-13 ta' Settembru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1767 ⁽²⁾, u b'hekk ġedded il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK għal sitt xhur oħra.
- (3) Fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet fejn, fost l-oħrajn, tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u afferma mill-ġdid l-appoġġ sod tal-Unjoni Ewropea għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonnoxxuti internazzjonalment tagħha u għad-dritt inerenti tagħha li tiddefendi ruħha kontra l-aggressjoni Russa.
- (4) Sakemm l-azzjonijiet illegali tal-Federazzjoni Russa jkomplu jiksru l-projbizzjoni fuq l-użu tal-forza, li hija ksur serju tad-dritt internazzjonali, huwa xieraq li jinżammu fis-seħħ il-miżuri kollha attwalment imposti mill-Unjoni u li jittieħdu miżuri addizzjonali, jekk neċessarju. Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġġedded għal sitt xhur oħra.
- (5) Abbażi ta' rieżami mill-Kunsill dwar id-deżinjazzjonijiet individwali li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar 97 individwu u disa' entità tiġi aġġornata. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-entrati għal disa' persuni deċeduti, kif ukoll dawk ta' tliet persuni oħra jitħassru minn dak l-Anness.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 6, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-15 ta' Settembru 2024.”;

- (2) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1767 tat-13 ta' Settembru 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 226, 14.9.2023, p. 104, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1767/oj>).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2024.

Għall-Kunsill
Il-President
V. VAN PETEGHEM

ANNEX

Fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

(1) jitħassru l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin:

201. Dimitriy (Dimitry, Dmitri, Dmitry) Valerievich UTKIN (Дмитрий Валерьевич УТКИН);
419. Nikolay Ivanovich BORTSOV (Николай Иванович БОРЦОВ);
472. Viktor Vladislavovich SUBAREV (Виктор Владиславович ЗУБАРЕВ);
905. Anton Valerevich KUPRIN (Антон Валерьевич КУПРИН);
919. Serguey Achotovich MNDOIANTS (Сергей Ашотович МНДОЯНЦ);
1092. Oleg Nikolaevich POPOV (Олег Николаевич ПОПОВ);
1175. Arkady Yurievich VOLOZH (Аркадий Юрьевич ВОЛОЖ);
1205. Jozef HAMBÁLEK magħruf ukoll bħala Josef HAMBÁLEK (Йозеф ХАМБАЛЕК);
1260. Gennadiy Valeryevich ZHIDKO (Геннадий Валериевич ЖИДКО);
1297. Elena Osipovna AVDEEVA (Елена Осиповна АВДЕЕВА);
1309. Igor Vladimirovich PANCHENKO (Игорь Владимирович ПАНЧЕНКО);
1469. Oleg Yurievich TSOKOV (Олег Юрьевич ЦОКОВ);

(2) I-entrati li jikkonċernaw il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"12.	Nikolai Ivanovich RYZHKOV (Николай Иванович РЫЖКОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 28.9.1929 Post tat-twelid: Dyleevka, Donetsk region, Ukrainian SSR (issa Ukraine)	Eks membru tal-Kumitat għall-kwistjonijiet federali, politika reġjonali u t-Tramuntana tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Fl-1 ta' Marzu 2014 Ryzhkov appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Għall-involvement tiegħu fil-proċess tal-annessjoni, fl-2014 ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu ta' "Mertu lejn il-Patrija" — l-ewwel grad. Fit-22 ta' Frar 2022, Ryzhkov appoġġa, fil-Kunsill Federali, ir-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern tat-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Fit-22 ta' Frar 2022, Ryzhkov appoġġa, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Fl-4 ta' Ottubru 2022, Ryzhkov appoġġa, fil-Kunsill Federali, il-leġiżlazzjoni għall-annessjoni tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia.	17.3.2014
22.	Dmitry Olegovich ROGOZIN (Дмитрий Олегович РОГОЗИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 21.12.1963 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation	Eks Viċi Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa. Appella pubblikament għall-annessjoni tal-Krimea. Eks Direttur Ġenerali f'korporazzjoni tal-Istat. Fit-23 ta' Settembru 2023, ġie elett bħala senatur għall-Kunsill Federali mir-reġjun ta' Zaporizhzhia. Imexxi grupp ta' konsulenti militari, li jipprovdu appoġġ militari-tekniku lill-persunal militari ta' Donetsk u Luhansk.	21.3.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
33.	Elena Borisovna MIZULINA (mwiġda ДМИТРИЙЕВА) (Елена Борисовна МИЗУЛИНА (mwiġda ДМИТРИЕВА))	Sess: mara Data tat-twelid: 9.12.1954 Post tat-twelid: Bui, Kostroma region, Russian Federation	Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat. Oriġinatriċi u kosponsor ta' proposti leġiżlattivi reċenti fir-Russja li kienu ser jippermettu li reġjuni ta' pajjiżi oħra jissieħbu mar-Russja mingħajr qbil minn qabel mill-awtoritajiet ċentrali tagħhom. Eks Membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni mir-reġjun ta' Omsk. Fit-22 ta' Frar 2022, Mizulina appoġġat, fil-Kunsill Federali, ir-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern tat-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Fit-22 ta' Frar 2022, Mizulina appoġġat, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Fl-4 ta' Ottubru 2022, Mizulina appoġġat, fil-Kunsill Federali, il-leġiżlazzjoni għall-annessjoni tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia.	21.3.2014
46.	Denys Volodymyrovych PUSHYLIN (Денис Володимирович ПУШИЛИН) Denis Vladimirovich PUSHILIN (Денис Владимирович ПУШИЛИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 9.5.1981 Post tat-twelid: Makiivka (Donetsk oblast), Ukraine	Wieħed mill-mexxejja tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Ħa sehem fil-ħtif u l-okkupazzjoni tal-amministrazzjoni reġjonali f'Donetsk fl-2014. Sal-4 ta' Settembru 2015 kien l-hekk imsejjaħ Viċi President tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Mill-4 ta' Settembru 2015 huwa l-hekk imsejjaħ "President" tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". L-hekk imsejjaħ "aġent Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" wara s-7 ta' Settembru 2018. L-hekk imsejjaħ "Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" wara l-hekk imsejjaħ elezzjonijiet tal-11 ta' Novembru 2018 u mit-8 sal-10 ta' Settembru 2023. Membru tal-partit United Russia u s-segretarju tiegħu fl-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Fil-21 ta' Frar 2022, iffirma t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn ir-Russja u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" bħala rappreżentant tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Wara l-annessjoni tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" fit-30 ta' Settembru, huwa sar l-hekk imsejjaħ "Aġent Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" fl-4 ta' Ottubru 2022.	29.4.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekkar
79.	Mikhail Vladimirovich DEGTYARYOV/DEGTYAREV (Михаил Владимирович ДЕГТЯРЁВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 10.7.1981 Post tat-twelid: Kuibyshev (Samara), Russian Federation	Eks Membru tad-Duma tal-Istat. Bħala membru tad-Duma huwa ħabbar l-inawgurazzjoni tal-“ambaxxata de facto” tar-repubblika mhux rikonoxxuta u hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk” f'Moska, u jikkontribwixxi għad-dgħajfien jew it-theddid tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Eks President tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat Russu dwar l-Edukazzjoni Fiżika, l-Isport u l-Affarijiet taż-Żgħażaġħ. President tal-kummissjoni kontra t-terroriżmu f'Khabarovsk Krai. Mid-19 ta' Settembru 2021, Gvernatur ta' Khabarovsk Krai. Mis-6 ta' Frar 2021, Koordinatur tal-fergħa reġjonali tal-Partit Demokratiku Liberali tar-Russja. Mill-15 ta' Novembru 2021, membru tal-Kunsill tal-Istat tal-Federazzjoni Russa permezz tad-Digriet tal-President Putin.	25.7.2014
109.	Viktor Petrovich VODOLATSKY (Виктор Петрович ВОДОЛАЦКИЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 19.8.1957 Post tat-twelid: Stefanidin Dar, Rostov region, Russian Federation	Eks President (“ataman”) tal-Unjoni tal-Forzi Kosakki Russi u Barranin. Membru tad-Duma tal-Istat mill-ħames konvokazzjoni tagħha mit-2 ta' Diċembru 2007 'l quddiem. Bħalissa, huwa l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat tad-Duma għall-Affarijiet tas-CIS, l-integrazzjoni Ewroasjatika u r-relazzjonijiet mal-kompatrijotti. Fl-1 ta' Settembru 2023, inħatar President tal-Bord taç-Ċentru għat-Taħriġ Sportiv Militari u l-Edukazzjoni Patrijottika taż-Żgħażaġħ (“Warrior”). Huwa appoġġa l-annessjoni tal-Krimea u ammetta li l-Kosakki Russi kellhom involviment attiv fil-konflitt Ukren fuq in-naħa tas-separatisti appoġġati minn Moska. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali “Dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-‘Repubblika tal-Krimea’ u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta’ suġġetti federali ġodda — ir-‘Repubblika tal-Krimea’ u l-Belt ta’ Status Federali Sevastopol”.	12.9.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
			<p>Fi Frar 2022, sponsorja abbozz ta' riżoluzzjoni ppreżentat mill-partit politiku "United Russia" biex jappella lill-President tar-Russja dwar il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti l-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u l-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk. Fl-4 ta' April 2022, id-Duma tal-Istat ħabbret il-ħatra tiegħu bħala wieħed mill-koordinaturi tal-gruppi interparlamentari tad-Duma dwar l-interazzjoni mal-parlamenti tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u Luhansk.</p> <p>Fit-3 ta' Ottubru 2022, ivvota favur ir-ratifika tat-trattati u l-adozzjoni ta' liġijiet dwar l-adezzjoni tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u Luhansk u tar-reġjuni ta' Kherson u Zaporozhzhia mal-Federazzjoni Russa. Huwa għalhekk jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	
117.	Aleksey Vasilevich NAUMETS (Алексей Васильевич НАУМЕЦ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 11.2.1968	<p>Maġġur Ġeneral tal-Armata Russa. Eks kmandant tas-76 diviżjoni tal-ajru li kienet involuta fil-preżenza militari Russa fit-territorju tal-Ukrajna, partikolarment waqt l-annessjoni illegali tal-Krimea. Mill-2018 Viċi Kap tal-Persunal tal-Forzi tal-Ajru.</p> <p>Fis-27 ta' Settembru 2023, inħatar senatur mir-reġjun ta' Pskov.</p>	12.9.2014
132.	Vladyslav Mykolayovych DEYNEGO (magħruf ukoll bħala Vladislav Nikolayevich DEYNEGO) Vladislav Nikolaevich DEINEGO (Владислав Миколайович ДЕЙНЕГО) (Владислав Николаевич ДЕЙНЕГО)	Data tat-twelid: 12.3.1964 Post tat-twelid: Romny, Sumy oblast, USSR (issa Ukraine) jew possibbilment Hirnytskyi village, Perevalsk district, Luhansk oblast, Ukraine Sess: raġel	<p>Eks hekk imsejjaħ "Viċi Kap" tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" u eks hekk imsejjaħ "Ministru għall-Affarijiet Barranin" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".</p> <p>Għalhekk billi assumu din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.</p> <p>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti.</p>	29.11.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
151.	Valery Fedorovich RASHKIN (Валерий Фёдорович РАШКИН)	Data tat-twelid: 14.3.1955 Post tat-twelid: Zhilino, Kaliningrad region, USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel	Eks l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat dwar kwistjonijiet ta' Etniċità. Huwa l-fundatur tal-moviment ċiviku "Krasnaya Moskva - Red Moscow — Patriotic Front Aid" li organizza dimostrazzjonijiet pubbliċi li jappoġġaw lis-separatisti, u b'hekk appoġġa politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "Dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea" u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-"Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". Fit-22 ta' Frar 2022, fid-Duma tal-Istat, Rashkin appoġġa r-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern tat-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".	16.2.2015
168.	Elena Valerievna KRAVCHENKO / Elena Valeryevna KRAVCHENKO (Елена Валериевна КРАВЧЕНКО) Olana Valeriyivna KRAVCHENKO (Олена Валеріївна КРАВЧЕНКО)	Data tat-twelid: 22.2.1983 Post tat-twelid: Sverdlovsk (Ekaterinburg), USSR (issa Russian Federation) Sess: mara	Hekk imsejħa "President" tal-hekk imsejħa "Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". F'din il-kapaċità pparteċipat fl-organizzazzjoni tal-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tal-11 ta' Novembru 2018 u mit-8 sal-10 ta' Settembru 2023 fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", u b'hekk b'mod attiv appoġġat azzjonijiet u implimentat politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabilizzaw lill-Ukrajna. Ipparteċipat b'mod attiv fl-organizzazzjoni tar-referendum illegali ta' Settembru 2022 fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna biex isiru parti mill-Federazzjoni Russa, b'siti tal-votazzjoni stabbiliti wkoll mill-kummissjoni tagħha fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Għadha attiva fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti.	10.12.2018

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
173.	Vladimir Yurievich VYSOTSKIY (Владимир Юрьевич ВЫСОЦКИЙ) Volodymyr Yuriyovych VYSOTSKYI (Володимир Юрійович ВИСОЦЬКИЙ)	Data tat-twelid: 7.4.1985 Post tat-twelid: Likarstvenne village, USSR (issa Autonomous "Republic of Crimea", Ukraine) Sess: raġel	Eks hekk imsejjaħ "Segretarju" tal-hekk imsejħa "Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u hekk imsejjaħ Kap attwali tal-hekk imsejħa "Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". F'dik il-kapaċità pparteċipa b'mod attiv fl-organizzazzjoni tal-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tal-11 ta' Novembru 2018 u mit-8 sal-10 ta' Settembru 2023 fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u b'hekk b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabilizzaw lill-Ukrajna. Ipparteċipa b'mod attiv fl-organizzazzjoni tar-referendum illegali f'Settembru 2022 fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna biex isiru parti mill-Federazzjoni Russa, b'siti tal-votazzjoni stabbiliti wkoll mill-kummissjoni tiegħu fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti.	10.12.2018
174.	Maksim Aleksandrovich SVIDCHENKO (Максим Александрович СВИДЧЕНКО) Maksym Oleksandrovych SVIDCHENKO (Максим Олександрович СВИДЧЕНКО)	Sess: raġel Data tat-twelid: 6.4.1978 Post tat-twelid: Luhansk, Ukraine	Hekk imsejjaħ "President" tal-hekk imsejħa "Kummissjoni Elettorali Distrettwali" fir-Reġjun ta' Artemovsk ta' Luhansk u eks hekk imsejjaħ "Viċi President" tal-hekk imsejħa "Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". F'din il-kapaċità pparteċipa fl-organizzazzjoni tal-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tal-11 ta' Novembru 2018 u mit-8 sal-10 ta' Settembru 2023 fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", u b'hekk b'mod attiv appoġġa u implimenta politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabilizzaw lill-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti.	10.12.2018

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
175.	Ekaterina Vasilyevna TERESHCHENKO Ekaterina Vasilyevna TERESHCHENKO (Екатерина Васильевна ТЕРЕЩЕНКО) Kateryna Vasylivna TERESHCHENKO (Катерина Васи́лівна ТЕРЕЩЕНКО)	Sess: mara Data tat-twelid: 31.5.1986 Post tat-twelid: Luhansk, Ukraine	Hekk imsejħa “Segretarja” tal-hekk imsejħa “Kummissjoni Elettorali Ċentrali” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”. F’din il-kapaċità pparteċipat fl-organizzazzjoni tal-hekk imsejħa “elezzjonijiet” tal-11 ta’ Novembru 2018 u mit-8 sal-10 ta’ Settembru 2023 fl-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”, u b’hekk b’mod attiv appoġġat u implimentat politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabilizzaw lill-Ukrajna.	10.12.2018
210.	Viktor Fedorovych YANUKOVYCH (Віктор Федорович ЯНУКОВИЧ)	Data tat-twelid: 9.7.1950 Post tat-twelid: Yenakiyevе, Donetsk Oblast, USSR (issa Ukraine) Nazjonalità: Ukrena Funzjoni: eks President ta’ Ukraine, negozjant ewlieni Sess: raġel	Mill-2010 sal-2014 Viktor Yanukovych kien il-President tal-Ukrajna. Ħaddan politika favur ir-Russja meta kien f’din il-kariga. Qorti Ukrena sabet lil Viktor Yanukovych ħati ta’ tradiment talli stieden lill-Federazzjoni Russa tinvasi lill-Ukrajna. Wara li tneħħa mill-kariga tiegħu mar jgħix ir-Russja, fejn kompli bl-attivitajiet tiegħu li għandhom l-għan li jiddestabilizzaw lill-Ukrajna. Għen fl-interferenza militari Russa fl-Ukrajna billi f’Marzu 2014 stieden lill-President tal-Federazzjoni Russa jibgħat truppi Russi lejn l-Ukrajna. Viktor Yanukovych appoġġa lil politiċi favur ir-Russja li kellhom karigi pubbliċi fil-Krimea okkupata. Fl-2021, fl-Ukrajna nfetħet investigazzjoni preliminari ġdida li skontha Viktor Yanukovych, flimkien ma’ żewġ eks Ministri għad-Difiża, kienu naqqsu intenzjonalment il-kapaċità ta’ difiża tal-Ukrajna, b’mod partikolari fl-hekk imsejħa “Repubblika Awtonoma tal-Krimea”. Fil-21 ta’ April 2010, il-President tal-Ukrajna ta’ dak iż-żmien Viktor Yanukovych u l-President tar-Russja ta’ dak iż-żmien Dmitry Medvedev iffiraw ftehim bejn l-Ukrajna u l-Federazzjoni Russa, li skontu t-terminu tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed tal-Federazzjoni Russa f’Sevastopol ġie estiż mill-2017 sal-2042. Bl-iffirar tal-ftehimiet, Yanukovych ħoloq kundizzjonijiet favorevoli għal żieda fil-preżenza militari tar-Russja fl-Ukrajna u għat-tagħmir mill-ġdid u l-modernizzazzjoni tal-armi tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed fit-territorju tal-Krimea. Sussegwentement, fl-2014 intużaw armi Russi li kienu fit-territorju tal-Ukrajna biex jiġu annessi l-hekk imsejħa “Repubblika Awtonoma tal-Krimea” u l-belt ta’ Sevastopol.	4.8.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
			<p>Fl-2023, l-Uffiċċju tal-Istat ta' Investigazzjoni tal-Ukrajna ppreżenta att ta' akkuża kontra Viktor Yanukovich fuq akkużi ta' tradiment u li għen lir-Russja twestaq attivitajiet sovversivi fl-Ukrajna.</p> <p>Iqis ruħu l-President leġittimu tal-Ukrajna u b'mod konsistenti ppreżenta pożizzjoni favur ir-Russja fl-interventi pubbliċi tiegħu. Skont sorsi differenti Viktor Yanukovich kien parti minn operazzjoni speċjali Russa li kellha l-għan li tissostitwixxi lill-President Ukren bih matul l-ewwel fażijiet tal-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, il-President tar-Repubblika taċ-Ċeċenja, Ramzan Kadyrov, talab lill-President tal-Ukrajna biex jittrasferixxi s-setgħat kollha tiegħu lil Viktor Yanukovich. Għalhekk Viktor Yanukovich huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-istat.</p>	
221.	Sergei SUROVIKIN (Сергей СУРОВИКИН)	<p>Data tat-twelid: 11.10.1966</p> <p>Post tat-twelid: Novosibirsk, USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Funzjoni: eks Kap Kmandant tal-Aerospace Forces</p> <p>Grad: Ġeneral tal-Armata</p> <p>Entitajiet assoċjati: Russian Aerospace Forces — Ministeru għad-Difiża</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Il-Ġeneral tal-Armata Sergei Surovkin kien il-Kap Kmandant tar-Russian Aerospace Forces bejn il-31 ta' Ottubru 2017 u s-sajf 2023. Għalhekk huwa kien responsabbli għall-operazzjonijiet bl-ajru fl-Ukrajna jew immirati lejha. Kien il-kmandant tal-forzi Russi kollha fl-invażjoni Russa kontra l-Ukrajna minn Ottubru 2022 sa Jannar 2023. Matul dak il-perjodu l-forzi Russi taw bidu għal attakki qawwija kontra bersalli ċivili, inkluż l-infrastruttura tal-enerġija tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li b'mod attiv appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.</p>	23.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
223.	Violetta PRIGOZHINA (Вioletта ПРИГОЖИНА)	Individwi assoċjati: Pavel Prigozhin (neputi), Lyubov Valentinovna Prigozhina (mara tat-tifel) Data tat-twelid: 12.1.1939 Nazjonalità: Russa Sess: mara	Violetta Prigozhina hija omm tad-deċedut Yevgeniy Prigozhin, negozjant ewlieni li opera fir-Russja u eks sid ta' Concord Management and Consulting LLC, li hija marbuta ma' negozji oħra tal-"familja Concord", fosthom Kombinat Pitaniya. In-negozji tal-"familja Concord" huma assoċjati mill-qrib mad-deċedut Yevgeniy Prigozhin kif ukoll ma' ibnu u l-werriet primarju tiegħu, Pavel Prigozhin. Hija l-eks koproprietarja ta' kumpaniji oħra marbuta ma' binha, inkluż "NOVYI VEK" Restaurant Equestrian Sport Complex LLC. Għalhekk Violetta Prigozhina hija membru tal-familja immedjata ta' Pavel Prigozhin u tibbenefika minnna.	23.2.2022
224.	Lyubov Valentinovna PRIGOZHINA magħrufa wkoll bħala Lyubov Valentinovna KRYAZHEVA (Любовь Валентиновна ПРИГОЖИНА Любовь Валентиновна КРЯЖЕВА)	Individwi assoċjati: Pavel Prigozhin (iben), Violetta Prigozhina (omm ir-raġel) Nazjonalità: Russa Sess: mara	Lyubov Prigozhina hija omm Pavel Prigozhin u proprjetarja ta' Agat LLC, sussidjarja ta' Concord Management and Consulting LLC, li hi proprjetà tal-grupp Concord, imwaqqaf minn żewġha deċedut, Yevgeniy Prigozhin, u proprjetà tiegħu sal-2019. Hija assoċjata ma' Pavel Prigozhin, li qed jibbenefika minn kuntratti pubbliċi kbar mal-Ministeru għad-Difiża Russu. Għalhekk hija membru tal-familja immedjata ta' Pavel Prigozhin u tibbenefika minnna.	23.2.2022
234.	Yevgeniy Viktorovich PRIGOZHIN (Евгений Викторович ПРИГОЖИН)	Data tat-twelid: 1.6.1961 Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa St Petersburg, Russian Federation) Persuni assoċjati: Lyubov Valentinovna Prigozhina (konjuġi); Violetta Prigozhina (omm)	Yevgeniy Prigozhin kien negozjant ewlieni Russu b'rabtiet mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u l-Ministeru għad-Difiża tar-Russja. Huwa ġie rrapurtat li miet f'tiġri ta' ajruplan fit-23 ta' Awwissu 2023. Ikkonferma pubblikament li waqqaf il-Wagner Group, entità militari mhux inkorporata bbażata fir-Russja li hija responsabbli għall-istazzjonament tal-merċenarji ta' Wagner Group fl-Ukrajna. Fl-2022 ġiet stabbilita u rreġistrata kumpanija b'ishma konġunti msejja "PMC Wagner Center" f'San Pietruburgu, bl-għan li "tipprovdi ambjent komdu għall-ġenerazzjoni ta' ideat ġodda biex tittejjeb il-kapaċità tad-difiża tar-Russja". Wagner Group, immexxi minn Yevgeniy Prigozhin, kellu rwol importanti fil-ġlied u l-okkupazzjoni tat-territorji fil-Lvant tal-Ukrajna. Concord, magħrufa wkoll bħala KOMBINAT PITANIYA KONKORD OOO, kumpanija li Prigozhin waqqaf u kellu s-sjieda tagħha sa Novembru 2019, kif ukoll grupp ta' kumpaniji oħra marbuta miegħu, inkluż Concord Management and Consulting LLC u Megaline LLC, kienu u għadhom qed jibbenefikaw minn kuntratti pubbliċi kbar mal-Ministeru għad-Difiża tar-Russja wara l-annessjoni illegali tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa u l-okkupazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna minn separatisti appoġġati mir-Russja.	21.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
		<p>Entitajiet assoċjati: Wagner Group, Internet Research Agency, Concord company group, Concord Management and Consulting LLC, Megaline LLC</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Yevgeniy Prigozhin kien negozjant ewlieni li opera fir-Russja. Huwa kien responsabbli wkoll għal azzjonijiet li dgħajfu u heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u implimentahom b'mod attiv. Barra minn hekk huwa bbenefika minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna.</p> <p>Iben Yevgeniy Prigozhin, Pavel Prigozhin, huwa l-werriet ewlieni u l-benefiċjarju tal-assi, tal-beni u tal-proprjetajiet tiegħu. Pavel Prigozhin huwa elenkat mill-Unjoni għall-involviment tiegħu f'operazzjonijiet militari kontra l-Ukrajna. Għalhekk, huwa xieraq li Yevgeniy Prigozhin jinżamm fil-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni li jsiru disponibbli fondi u riżorsi ekonomiċi peress li hemm probabbiltà li l-assi kkonċernati nkella jintużaw biex jiffinanzjaw il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna jew azzjonijiet oħra li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	
287.	Vasily Maksimovich VLASOV (Василий Максимович ВЛАСОВ)	Data tat-twelid: 27.6.1995 Sess: raġel	Eks membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022
309.	Vadim Vladimirovich BELOUSOV (Вадим Владимирович БЕЛОУСОВ)	Data tat-twelid: 2.10.1960 Sess: raġel	Eks membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
368.	Sergey Mikhailovich SOKOL (Сергей Михайлович СОКОЛ)	Data tat-twelid: 17.12.1970 Sess: raġel	Eks membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Mit-22.9.2023, huwa l-President tal-Kunsill Suprem tar-Repubblika ta' Khakassia.	23.2.2022
451.	Aleksey Borisovich GOVYRIN (Алексей Борисович ГОВЫРИН)	Data tat-twelid: 26.5.1983 Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022
492.	Igor Yurevich KASTYUKEVICH (Игорь Юрьевич КАСТЮКЕВИЧ)	Data tat-twelid: 6.12.1976 Sess: raġel	Segretarju tal-fergħa reġjonali ta' Kherson tal-partit United Russia u eks membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022
649.	Vladislav Leonidovich BRUEV (Владислав Леонидович БРУЕВ)	Data tat-twelid: 21.3.1977 Funzjoni: Kap tal-Gomel border group Grad: Kurunell Post tat-twelid: Kharkov, Ukrainian SSR (issa Ukraine) Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Vladislav Bruev huwa l-Kap tal-Gomel border group Belarussu. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli għas-superviżjoni tas-sigurtà tal-fruntiera fl-oblast ta' Gomel, inkluż il-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Ukrajna, u l-passaġġ ta' individwi u merkanzija minn din il-fruntiera. Truppi Russi qasmu l-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Ukrajna fl-oblast ta' Gomel bħala parti mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022. Għalhekk huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u jappoġġa dawn l-azzjonijiet b'mod attiv.	25.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
650.	Oleg Anatolyevich ЕИВАТОВ (Олег Анатольевич ЭЙБАТОВ)	Data tat-twelid: 5.8.1972 jew 15.8.1972 Funzjoni: Kap tal-Mozyr border detachment Grad: Kurunell Nazjonalità: Belarussa Sess: raġel	Oleg Eibatov huwa l-Kap Belarussu tal-Mozyr border detachment. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli għas-superviżjoni tas-sigurtà tal-fruntiera fiż-żona ta' Mozyr, inkluż il-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Ukrajna, u l-passaġġ ta' individwi u merkanzija minn dik il-fruntiera. Truppi Russi qasmu l-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Ukrajna fiż-żona ta' Mozyr bħala parti mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022. Għalhekk huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u jappoġġa dawn l-azzjonijiet b'mod attiv.	25.2.2022
651.	Dmitry Alexandrovich VINNIKOV (Дмитрий Александрович ВИННИКОВ)	Data tat-twelid: 4.12.1979 Funzjoni: Kap tal-Pinsk border detachment Grad: Kurunell Nazjonalità: Belarussa Sess: raġel	Dmitry Vinnikov huwa l-Kap tal-Pinsk border detachment Belarussa. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli għas-superviżjoni tas-sigurtà tal-fruntiera fiż-żona ta' Pinsk, inkluż il-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Ukrajna, u l-passaġġ ta' individwi u merkanzija minn din il-fruntiera. Huwa parti mill-armata Belarussa, li appoġġat l-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna tal-24 ta' Frar 2022. Truppi Russi qasmu l-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Ukrajna fiż-żona ta' Pinsk bħala parti mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u jappoġġa dawn l-azzjonijiet b'mod attiv.	25.2.2022
652.	Aleksandr PASHKEVICH (Пашкевич Александр)	Data tat-twelid: 14.7.1977 Funzjoni: Kap Kmandant tal-military unit 65408/Luninets airfield Nazjonalità: Belarussa Sess: raġel	Aleksandr Pashkevich huwa l-Kap Kmandant tal-military unit 65408/Luninets airfield tal-Belarussja. F'din il-kapaċità, ipparteċipa fit-tisħiħ tal-forzi militari Russi fil-mitjar ta' Luninets, li kien parti mit-tħejjija u l-iffaċilitar tal-aggressjoni militari tal-24 ta' Frar 2022. Huwa parti mill-armata Belarussa, li appoġġat il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u jappoġġa dawn l-azzjonijiet b'mod attiv.	25.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
653.	Andrei LUKYANOVICH (Андрей Лукьянович)	Data tat-twelid: 29.9.1970 Funzjoni: Bdot militari, Maġġur General, Kmandant tal-Forza tal-Ajru u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru - Kap tal-Avjazzjoni ta' Belarus, Kmandant tal-military unit 06752/ Machulischi airfield Nazjonalità: Belarussa Sess: raġel	Il-Maġġur General Lukyanovich Andrei huwa bdot militari, Kmandant tal-Forza tal-Ajru u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru Belarussi / Kap tal-Avjazzjoni tal-Belarussja, u Kmandant tal-military unit 06752/ Machulischi airfield. F'din il-kapaċità, ipparteċipa fl-eżerċizzji militari konġunti tar-Russja u l-Belarussja qabel it-tisħiħ tal-forzi militari mal-fruntiera Ukrena li ħejjew l-aggressjoni militari kontra l-Ukrajna tal-24 ta' Frar 2022. Huwa parti mill-armata Belarussa, li appoġġat il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u jappoġġa dawn l-azzjonijiet b'mod attiv.	25.2.2022
656.	Vladimir Nikolaevich KUPRIYANYUK (Владимир Николаевич КУПРИЯНЮК)	Funzjoni: Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Intelligence - Viċi Kap tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati; L-Ewwel Viċi Kmandant tal-Western Operational Command Data tat-twelid: 11.7.1972 Post tat-twelid: village of Kamenyuki, Kamenetsky district, Brest Region/ Oblast, eks USSR (issa Belarus) Nazjonalità: Belarussa Sess: raġel	Vladimir Kupriyanyuk huwa l-Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Intelligence - Viċi Kap tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati u l-Ewwel Viċi Kmandant tal-Western Operational Command tal-Belarussja. Huwa parti mill-armata Belarussa, li appoġġat il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. F'din il-pożizzjoni hu responsabbli għall-partiċipazzjoni tat-truppi taħt il-kmand tiegħu fl-eżerċizzji militari konġunti tal-Belarussja u r-Russja qabel it-tisħiħ tal-forzi militari mal-fruntiera Ukrena li ħejjew u ffaċilitaw l-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna tal-24 ta' Frar 2022. Għalhekk huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u jappoġġa dawn l-azzjonijiet b'mod attiv.	25.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
672.	Nikolay Petrovich TOKAREV (Николай Петрович ТОКАРЕВ)	Data tat-twelid: 20.12. 1950 Post tat-twelid: Karaganda, Kazakh SSR (issa Kazakhstan)	<p>Nikolay Tokarev huwa l-uffiċjal kap eżekuttiv ta' Transneft, kumpanija ewlenija Russa taż-żejt u l-gass. Huwa konnoxxenza antika ta' Vladimir Putin u kollaboratur mill-qrib tiegħu. Serva flimkien ma' Putin fil-KGB fit-tmeninijiet. Nikolay Tokarev huwa wieħed mill-oligarki statali Russi li hađu l-kontroll ta' assijiet statali kbar fis-snin elfejn hekk kif il-President Putin ikkonsolida l-poter, u li joperaw fi sħubija mill-qrib mal-istat Russu. Nikolay Tokarev ilu jmexxi lil Transneft, waħda mill-aktar kumpaniji importanti kkontrollati mill-gvern, li tittrasporta ammont konsiderevoli ta' żejt Russu permezz ta' network ta' pipelines taż-żejt żviluppati tajjeb.</p> <p>Taħt it-tmexxija ta' Nikolay Tokarev, Transneft hija waħda mill-isponsors ewlenin tal-kumpless tal-palazzi viċin Gelendzhik, li jitqies li jintuża b'mod personali mill-President Putin. Huwa jibbenefika mill-prossimità mal-awtoritajiet Russi. Qraba u kollaboraturi mill-qrib ta' Nikolay Tokarev arrikkixxu lilhom infushom bis-saħħa ta' kuntratti ffirmati mill-kumpaniji tal-istat.</p> <p>Għaldaqstant, Nikolay Tokarev appoġġa attivament, b'mod materjali jew finanzjarju, u bbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p> <p>Barra minn hekk, Nikolay Tokarev huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	28.2. 2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
674.	Petr Olegovich AVEN (Пётр Олегович АВЕН)	Data tat-twelid: 16.3. 1955 Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: Negożjant ewlieni qrib il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' Alfa Group Sess: raġel Individwi assoċjati: il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, Mikhail Fridman, German Borisovich Khan, Alexey Kuzmichev	Petr Aven huwa negożjant Russu b'rabtiet mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, li jmorru lura għall-bidu tas-snin disgħin. Huwa azzjonist importanti ta' ABH Financial Limited, li tinkludi bank ewlieni Russu, Alfa Bank. Huwa wkoll azzjonist tad-ditta tal-investment LetterOne. Huwa wieħed minn madwar 50 negożjant għani Russu li jiltaqgħu regolarment mal-President tal-Federazzjoni, Russa Vladimir Putin fil-Kremlin. Segwa direttivi mill-President tar-Russja u implimenta l-aġenda tal-politika barranija tiegħu. Aven u sieħbu fin-negożju Mikhail Fridman kienu involuti fl-isforzi tal-Kremlin biex jitneħħew is-sanzjonijiet tal-Punent imposti biex tiġi miġġielda l-politika aggressiva Russa kontra l-Ukrajna. Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Petr Aven, flimkien ma' 36 negożjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Dik l-istedina speċjali turi li qed jappoġġa jew jimplementa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Aven ibbenefika mir-rabtiet tiegħu mal-gvern. Skambja xi pjaċiri mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin biex ikollu appoġġ politiku għan-negożju tiegħu u għal qligħ finanzjarju.	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
		Entitajiet assoċjati: JSC Voentorg	<p>Il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin ippremja l-lealtà ta' Alfa Group Consortium lejn l-awtoritajiet Russi billi ta għajna politika lill-pjanijiet ta' investiment barrani ta' Alfa Group Consortium.</p> <p>Il-kumpanija tal-assigurazzjoni AlfaStrakhovanie, sussidjarja ta' Alfa Group Consortium, tipprovdi assicurazzjoni lill-vetturi tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia), li l-unitajiet tagħha joperaw fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna taħt il-kontroll tar-Russja, kif ukoll il-vetturi tal-gwardja personali tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Min-naħa l-oħra X5 Retail Group, sussidjarja oħra tal-konsorzju Alfa Group, tikkoopera ma' JSC Voentorg, entità soġġetta għal miżuri restrittivi li tipprovdi servizzi ta' forniment tal-ikel u ħasil tal-ħwejjeġ, kif ukoll uniformijiet militari lill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u li s-sussidjarja tagħha tbigħ t-shirts bis-simbolu militari "Z" li jintuża mill-propagandisti Russi biex jipromwovu l-aggressjoni militari mhux ġustifikata u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. B'mod attiv appoġġa materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna, u bbenefika minnhom. Appoġġa wkoll azzjonijiet jew politiki li jgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
675.	Mikhail Maratovich FRIDMAN (Михаил Маратович ФРИДМАН)	Data tat-twelid: 21.4.1964 Post tat-twelid: Lviv, USSR (issa Ukraine) Sess: raġel Individwi assoċjati: il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, Petr Aven, German Borisovich Khan, Alexey Kuzmichev Entitajiet assoċjati: JSC Voentorg	Mikhail Fridman huwa negozjant Russu. Huwa wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' ABH Financial Limited, li tinkludi bank ewlieni Russu, Alfa Bank. Huwa wkoll azzjonist tad-ditta tal-investment LetterOne. Irnexxielu jrawwem rabtiet b'saħħithom mal-amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, u ssemma' bħala finanzjatur u faċilitatur Russu ewlieni taċ-ċirku ta' ġewwa ta' Putin. Irnexxielu jakkwista assi tal-Istat permezz ta' rabtiet mal-gvern. Skambja xi pjaċiri mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin biex jingħata appoġġ politiku għan-negozju u l-qligħ finanzjarju tiegħu. Vladimir Putin ippremja l-lealtà ta' Alfa Group Consortium lejn l-awtoritajiet Russi billi ta għajna politika għall-pjanijiet ta' investment barrani ta' Alfa Group Consortium. Il-kumpanija tal-assigurazzjoni AlfaStrakhovanie, sussidjarja ta' Alfa Group Consortium, tipprovdi assicurazzjoni lill-vetturi tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia), li l-unitajiet tiegħu joperaw fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna taħt il-kontroll tar-Russja, kif ukoll il-vetturi tal-gwardja personali tal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin. Barra minn hekk, X5 Retail Group, sussidjarja oħra tal-konsorzju Alfa Group, tikkoopera ma' JSC Voentorg, entità soġġetta għal miżuri restrittivi li tipprovdi servizzi ta' forniment tal-ikel u ħasil tal-ħwejjeġ, kif ukoll uniformijiet militari lill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u li s-sussidjarja tagħha tbigħ t-shirts bis-simbolu militari "Z" li jintuża mill-propagandisti Russi biex jipromwovu l-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fridman u s-sieħeb fin-negozju tiegħu Petr Aven ilhom impenjati fl-isforzi tal-Kremlin biex jitneħħew is-sanzjonijiet tal-Punent maħruġa biex jiġġieldu kontra l-politika aggressiva Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. B'mod attiv appoġġa materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna, u bbenefika minnhom. Appoġġa wkoll azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
694.	<p>Gennady Nikolayevich TIMCHENKO (Геннадий Николаевич ТИМЧЕНКО)</p>	<p>Data tat-twelid: 9.11.1952 Post tat-twelid: Leninakan, USSR (issa Gyumri, Armenia) Nazjonalità: Armena, Russa, Finlandiża Funzjoni: Sid il-grupp ta' investiment privat Volga Group Sess: raġel</p>	<p>Gennady Timchenko ilu ħafna żmien jaf lill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u huwa deskritt b'mod ġenerali bħala wieħed mill-persuni ta' fiduċja tiegħu.</p> <p>Qed jibbenefika mir-rabtiet tiegħu ma' persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja. Huwa fundatur u azzjonist ta' Volga Group, grupp ta' investiment b'portafoll ta' investimenti f'setturi ewlenin tal-ekonomija Russa. Volga Group jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija Russa u l-iżvilupp tagħha.</p> <p>Huwa wkoll azzjonist ta' Bank Rossiya, li jitqies bħala l-bank ta' Putin u ta' dawk assoċjati miegħu. Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, Bank Rossiya fetaħ fergħat kullimkien fil-Krimea u f'Sevastopol, u b'hekk ikkonsolida l-integrazzjoni tagħhom fil-Federazzjoni Russa.</p> <p>Barra minn hekk, Bank Rossiya għandu interessi f'National Media Group, impriża tal-media li tikkontrolla 28 intrapriża tal-media fir-Russja li b'mod attiv qed ixerrdu l-propaganda u d-diżinformazzjoni relatati mal-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.</p> <p>Gennady Timchenko huwa wkoll it-tieni l-akbar azzjonist f'PAO Novatek, wieħed mill-akbar produtturi tal-gass fir-Russja.</p> <p>Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa responsabbli wkoll għall-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> <p>Huwa responsabbli wkoll għall-fatt li appoġġa finanzjarjament jew materjalment lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna, u li bbenefika minnhom.</p>	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
695.	Alexey Alexandrovits MORDASHOV (Алексей Александрович МОРДАШОВ)	Data tat-twelid: 26.9.1965 Post tat-twelid: Cherepovets, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: President ta' Severstal u Severgroup Nazjonalità: Russa Sess: raġel Assoċjati: Yuriy Kovalchuk; Nikolay Shamalov	<p>Alexey Mordashov huwa negozjant Russu b'rabtiet mill-qrib mal-gvern Russu. Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Alexey Mordashov, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru taċ-ċirku l-aktar qrib il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Barra minn hekk, kien fost in-negozjanti Russi ewlenin li pparteċipaw fil-kongress tal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri f'Marzu 2023, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, għamel diskors u ħeġġeġ lill-biljunarji jipprijoritizzaw "il-patrijottiżmu qabel il-profit". Alexey Mordashov huwa l-president u azzjonist maġġoritarju tal-kumpanija Severgroup, kumpanija ta' investment privat li s-sussidjarja tagħha, Severstal, topera fis-settur tal-azzar u l-estrazzjoni u tforni prodotti speċjali tal-azzar lill-industrija militari, inkluż azzar rinforzat.</p> <p>Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p> <p>Alexey Mordashov qed jappoġġa u jimplimenta wkoll azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> <p>Fl-aħħar nett huwa responsabbli wkoll għall-fatt li appoġġa finanzjarjament u materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna, u li bbenefika minnu.</p>	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
719.	<p>Alexander Dmitrievich PUMPYANSKY (Александр Дмитриевич ПУМПЯНСКИЙ)</p>	<p>Data tat-twelid: 16.5.1987 Post tat-twelid: Yekaterinburg, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: Eks President tal-Bord tad-Diretturi ta' PJSC Pipe Metallurgical Company Nazjonalità: Russa Sess: raġel</p>	<p>Alexander Pumpyansky huwa iben Dmitry Alexandrovich Pumpyansky. Dmitry Pumpyanski huwa negozjant Russu, membru tal-Kunsill tal-Council of Chamber of Commerce and Industry (CCI) tal-Federazzjoni Russa u President tal-iSverdlovsk regional Union of Industrialists and Entrepreneurs (SOSPP). Dmitry Pumpyansky huwa wkoll eks President tal-Bord tad-Diretturi ta' PJSC Pipe Metallurgical Company, manifattur globali Russu ta' pajpijiet tal-azzar għall-industrija taż-żejt u tal-gass, u eks President u eks membru tal-bord ta' Sinara Group. Iż-żewġ kumpaniji jappoġġaw u jibbenefikaw mill-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa u intrapriżi tal-Istat, fosthom Russian Railways, Gazprom u Rosneft.</p> <p>Alexander Pumpyansky huwa għalhekk membru tal-familja immedjata li jibbenefika minn missieru, Dmitry Pumpyansky, negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
720.	Alexander Semenovich VINOKUROV (Александр Семёнович ВИНOKУРОВ)	Data tat-twelid: 12.10.1982 Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: Negozjant, Sieħeb Maniġerjali u President ta' Maraton Group; Eks membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Magnit Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Vinokurov huwa negozjant Russu b'interessi fil-bejgħ bl-innut tal-ikel, prodotti farmaċewtiċi, agrikultura u infrastruttura. Għandu pożizzjoni ta' tmexxija fil-kumpanija ta' investment, Maraton Group, u kien, sa f'it ilu, membru tal-bord tad-diretturi ta' Magnit, l-akbar bejjieġh bl-innut tal-ikel Russu attiv ukoll fil-bejgħ ta' prodotti farmaċewtiċi. Għandu wkoll ishma fid-Demetra Holding, wieħed mill-akbar negozjanti tal-ħbub fir-Russja li huwa attiv fl-esportazzjoni tal-ħbub, filwaqt li r-Russja hija l-akbar esportatur tal-qamħ fid-dinja. Miżżewweġ lil Ekaterina Vinokurova, bint Sergey Lavrov, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa. Missieru huwa Semen Vinokurov, magħruf għall-attività tiegħu fl-industrija farmaċewtika Russa. Għalhekk, Alexander Vinokurov għandu rabtiet mill-qrib mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa u huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja kif ukoll negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lil dak il-gvern, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Alexander Vinokurov, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Juri wkoll li huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Dan il-fatt huwa kkorroborat ukoll mir-rabtiet personali mill-qrib li Alexander Vinokurov għandu mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin Sergey Lavrov, li huwa responsabbli għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għall-politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza ta' dak l-Istat.	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
721.	<p>Andrey Igorevich MELNICHENKO (Андрей Игоревич МЕЛЬНИЧЕНКО)</p>	<p>Data tat-twelid: 8.3.1972</p> <p>Post tat-twelid: Gomel, USSR (issa Belarus)</p> <p>Funzjoni: Eks Direttur Mhux Eżekuttiv ta' JSC SUEK, Eks Membru tal-Bord ta' EuroChem Group</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Andrey Melnichenko huwa industrijalist Russu li għadu jikkontrolla l-produttur ewlieni tal-fertilizzanti EuroChem Group u l-kumpanija tal-faħam SUEK. Mid-9 ta' Marzu 2022, Melnichenko trasferixxa l-interessi tiegħu f'SUEK u f'Eurochem Group lill-konjuġi tiegħu Aleksandra Melnichenko. Għadu jibbenefika mill-ġid li trasferixxa lil martu. Matul l-2022, il-ġid tiegħu żdied b'aktar mid-doppju, li għamlu l-aktar persuna sinjura fir-Russja fl-2023.</p> <p>Andrey Melnichenko jappartjeni għaċ-ċirku l-aktar influwenti ta' negozjanti Russi b'rabtiet mill-qrib mal-gvern Russu, kif jidher mill-involviment tiegħu mal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri, fejn għandu l-pożizzjoni ta' membru tal-Bureau tal-Bord. Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Andrey Melnichenko, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent, u b'hekk wera l-importanza tiegħu bħala negozjant ewlieni fir-Russja. Barra minn hekk kien fost in-negozjanti Russi ewlenin li pparteċipaw fil-kongress tal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri f'Marzu 2023, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, għamel diskors u ħeġġeġ lill-biljunarji jipprijoritizzaw il-"patrijottiżmu qabel il-profit".</p> <p>Dawn l-elementi juru li huwa negozjant ewlieni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tar-Russja, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
728.	Vadim Nikolaevich MOSHKOVICH (Вадим Николаевич МОШКОВИЧ)	Data tat-twelid: 6.4.1967 Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: eks President tal-Bord tad-Diretturi ta' Rusagro Group Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Vadim Moshkovich huwa imprenditur Russu b'interessi kummerċjali fl-agrikoltura u fl-iżvilupp tal-proprjetà immobbli. Fl-2004 Vadim Moshkovich waqqaf Rusagro Group, li huwa produttur ewlieni tal-laħam tal-majjal, xaħmijiet u zokkor, ikklassifikat l-ewwel fost l-azjendi agrikoli fir-Russja fl-2021. Għalhekk Vadim Moshkovic huwa negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Vadim Moshkovich, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib tal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Dan juri wkoll li huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja.	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
731.	Dmitry Vladimirovich KONOV (Дмитрий Владимирович КОНОВ)	<p>Data tat-twelid: 2.9.1970</p> <p>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Funzjoni: eks President tal-Bord ta' PJSC SIBUR Holding; Membru tal-Bord Superviżorju u tal-Kumitat għall-Ippjanar Strateġiku ta' Alrosa PAO; Membru tar-Russian Union of Enterprises and Organisations of the Chemical Complex (Ruschemunion);</p>	<p>Dmitriy Konov huwa l-eks President tal-Bord tat-Tmexxija ta' PJSC SIBUR Holding, u f'dik il-kapaċità ssorvelja l-attivitajiet tal-kumpanija. SIBUR Holding hija l-akbar kumpanija integrata tal-petrokimiċi fir-Russja u waħda mill-aktar kumpaniji li qed jikbru malajr fl-industrija globali tal-petrokimiċi. SIBUR huwa grupp ewlieni tal-petrokimiċi fis-swieq emerġenti u l-akbar produttur ta' petrokimiċi fis-suq Russu. L-ishma maġġoritarji f'SIBUR huma proprjetà ta' negozjanti ewlenin qrib il-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, jiġifieri Leonid Mikhelson u Gennady Timchenko. Bejn l-2017 u l-2022, Dmitry Konov ġie kklassifikat fost l-aktar 200 individwu sinjuri fir-Russja.</p> <p>SIBUR Holding hija marbuta mill-qrib mal-gvern Russu u għalhekk id-dħul li tiġġenera huwa sors importanti ta' dħul għall-gvern Russu.</p> <p>Dmitriy Konov għandu rabtiet mal-industrija tal-kimika permezz tas-sħubija passata tiegħu fir-Russian Union of Enterprises and Organisations of the Chemical Complex (Ruschemunion), organizzazzjoni li tikkollabora mal-awtoritajiet Russi biex tiddefendi l-interessi tal-industrija tal-kimika Russa u tagħmilha aktar effiċjenti u produttiva. L-industrija tal-kimika Russa hija ddominata minn ftit persuni kkonċernati b'rabtiet mill-qrib mal-Kremlin.</p>	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		<p>serva fid-Dipartiment tat-Teżor ta' OAO NK YUKOS; kellu diversi pożizzjonijiet f'AKB Trust and Investment Bank, inkluż Viċi President — Kap tad-Dipartiment tal-Bank ta' Investiment u Direttur Maniġerjali tad-Dipartiment tal-Finanzi Korporattivi; eks membru tal-Bord tad-Diretturi ta' OAO Gazprom neftekhim Salavat u OAO Gazprombank</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Dmitriy Konov huwa membru tal-Bord Superviżorju u tal-Kumitat għall-Ippjanar Strateġiku ta' Alrosa. Alrosa hija kumpanija tal-Istat li topera fl-industrija tad-djamanti u l-profitti tagħha jgħaddu direttament f'idejn il-Kremlin. Permezz tar-rwoli tiegħu f'Alrosa, Dmitriy Konov jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' attivitajiet tal-Gvern Russu, fost affarijiet oħra relatati mad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p> <p>Fl-24 ta' Frar 2022 attenda laqgħa tan-negozjanti ewlenin mal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, fil-Kremlin biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi dik il-laqgħa juri li kien membru fiċ-ċirku ta' ġewwa ta' negozjanti ewlenin qrib il-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin.</p> <p>Huwa ġie nnominat mill-President Putin f'Jannar 2023 bħala membru tal-bord superviżorju tar-Russian Science Foundation.</p> <p>Dmitriy Konov huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	
752.	Yelena Vasilyevna BIBIKOVA (Елена Васильевна БИБИКОВА)	<p>Data tat-twelid: 23.9.1956</p> <p>Sess: mara</p>	<p>Eks membru tal-Kunsill Federali li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”.</p>	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
760.	Yury Viktorovich FEDOROV (Юрий Викторович ФЁДОРОВ)	Data tat-twelid: 1.1.1972 Sess: raġel	Eks membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Fl-istqarrijiet pubbliċi tiegħu ripetutament esprima appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.	9.3.2022
793.	Dmitry Gennadyevich KUZMIN (Дмитрий Геннадьевич КУЗЬМИН)	Data tat-twelid: 28.6.1975 Sess: raġel	Eks membru tal-Kunsill Federali li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".	9.3.2022
826.	Yelena Alekseyevna PERMINOVA (Елена Алексеевна ПЕРМИНОВА)	Data tat-twelid: 5.12.1960 Sess: mara	Membru tal-Kunsill Federali li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern tat-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".	9.3.2022
857.	Vyacheslav Stepanovich ТИМЧЕНКО (Вячеслав Степанович ТИМЧЕНКО)	Data tat-twelid: 20.11.1955 Sess: raġel	Membru tal-Kunsill Federali li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern tat-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".	9.3.2022
876.	Igor Dmitryevich ZUBAREV (Игорь Дмитриевич ЗУБАРЕВ)	Data tat-twelid: 20.7.1966 Sess: raġel	Membru tal-Kunsill Federali li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern tat-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
882.	Alexey Viktorovich KUZMICHEV (magħruf ukoll bħala Alexey Viktorovich KUZMICHOV) (bir-Russu: Алексей Викторович КУЗЬМИЧЁВ)	Funzjoni: Negozjant ewlieni. Wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' Alfa Group. Data tat-twelid: 15.10.1962 Post tat-twelid: Kirov, USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Mikhail Fridman, Petr Aven, German Khan Entitajiet assoċjati: Alfa Group, Alfa Bank	Alexey Kuzmichev huwa azzjonist ewlieni ta' Alfa Group consortium. Huwa klassifikat fost l-aktar persuni influwenti fir-Russja. Vladimir Putin ippremja l-lealtà ta' Alfa Group Consortium lejn l-awtoritajiet Russi billi ta għajna politika lill-pjanijiet ta' investment barrani ta' Alfa Group Consortium. Il-kumpanija tal-assigurazzjoni AlfaStrakhovanie, sussidjarja ta' Alfa Group Consortium, tippovdi assigurazzjoni lill-vetturi tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia), li l-unitajiet tiegħu joperaw fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna taħt il-kontroll tar-Russja, kif ukoll il-vetturi tal-gwardja personali tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. AlfaStrakhovanie pprovdi assigurazzjoni lil kumpaniji bħal JSC Kalashnikov Concern u Central Scientific — Research Institute for Precision Machine Engineering (TsNIITochMash), li l-armi tagħhom jintużaw ħafna mill-militar Russu fl-Ukrajna u ntużaw ukoll matul l-atroċitajiet f'Bucha. Barra minn hekk, X5 Retail Group, sussidjarja oħra tal-konsorzju Alfa Group, tikkoopera ma' JSC Voentorg, entità soġġetta għal miżuri restrittivi li tippovdi servizzi ta' forniment tal-ikel u ħasil tal-ħwejjeġ, kif ukoll uniformijiet militari lill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u li s-sussidjarja tagħha tbigħ t-shirts bis-simbolu militari "Z" li jintuża mill-propagandisti Russi biex jippromwovu l-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk b'mod attiv kien u għadu qed jappoġġa materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna, u jibbenefika minnhom. Huwa wkoll negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jippovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	15.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
892.	<p>Tigran Oganessian KHUDAVERDYAN (Тигран Оганесович ХУДАВЕРДЯН)</p>	<p>Data tat-twelid: 28.12.1981 Post tat-twelid: Yerevan, USSR (issa Armenia) Funzjoni: Eks Direttur Eżekuttiv u eks Viċi Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Yandex NV Nazjonalità: Armena Sess: raġel</p>	<p>Tigran Khudaverdyan huwa eks Direttur Eżekuttiv u viċi Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Yandex N.V. wara li rriżenja minn dawk il-pożizzjonijiet meta ġie ddeżinjat mill-Unjoni. Għadu fost l-ogħla maniġers ta' Yandex fejn ifassal l-attivitajiet tal-kumpanija.</p> <p>Yandex hija l-akbar ditta tat-teknoloġija fir-Russja. Tiġġenera dħul konsiderevoli mit-taxxa għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Fl-2019 Yandex aċċettat ristrutturar li ta "sehem tad-deheb" lil Fondazzjoni għall-Interess Pubbliku li kienet għadha kemm ġiet iffurmata bl-għan li "tiddefendi l-interessi tal-Federazzjoni Russa". Permezz tal-Fondazzjoni għall-Interess Pubbliku l-Gvern tal-Federazzjoni Russa jista' jkollu veto fuq lista definita ta' kwistjonijiet.</p> <p>Minn meta bdiet il-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Yandex segwiet il-politika ta' informazzjoni u ċ-ċensura tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Ir-riżultati tal-magna tat-tiftix Yandex ikkonformaw mat-talbiet tal-awtoritajiet Russi u juru biss is-sorsi relatati mal-propaganda Russa favur il-gwerra. Barra minn hekk Yandex għenet lil siti web li jipprovwu dikjarazzjonijiet foloz u favur ir-Russja dwar l-invażjoni tal-Ukrajna biex jiġġeneraw profitt permezz tar-reklamar diġitali.</p> <p>Fl-24 ta' Frar 2022, Khudaverdyan attenda laqgħa tan-negozjanti ewlenin mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin fil-Kremlin biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi dik il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku ta' ġewwa ta' negozjanti ewlenin arki qrib il-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.</p> <p>Huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdri sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, u appoġġa materjalment jew finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa responsabbli għall-fatt li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.</p>	15.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
893.	Vladimir Valerievich RASHEVSKY / Vladimir Valeryevich RASHEVSKIY (bir-Russu: Владимир Валерьевич РАШЕВСКИЙ)	Data tat-twelid: 29.9.1973 Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv u Direttur ta' EuroChem Group AG; membru tal-bord superviżorju tal-Association Market Council Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Vladimir Rashevsky huwa membru tal-bord superviżorju tal-Association Market Council. Huwa wkoll l-eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv u Direttur ta' EuroChem Group AG wara li rriżenja formalment minn dik il-pożizzjoni meta ġie elenkat taħt miżuri restrittivi mill-Unjoni, filwaqt li jkompli jeżerċita influwenza permezz ta' kumpaniji fittizji. EuroChem huwa wieħed mill-akbar produtturi ta' fertilizzanti minerali fid-dinja. Qabel (bejn l-2004 u l-2020) kien l-uffiċjal kap eżekuttiv ta' kumpanija tal-faħam JSC SUEK. Dawn huma kumpaniji Russi kbar — il-koproprjetà ta' Aleksandra Melnichenko, mart il-biljunarju Russu Andrei Melnichenko — li jiġġeneraw u jipprovdu dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Jikkooperaw ukoll mal-awtoritajiet Russi, inkluż il-President Vladimir Putin. Il-kumpaniji ta' EuroChem Group fornaw nitrat tal-ammonju liż-żoni okkupati ta' Donbas. SUEK iffirmat kuntratti ma' sanatorji fil-Krimea għal programmi tas-saħħa tal-impjegati. Għalhekk qed jappoġġa materjalment jew finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna, jew qed jibbenefika minnu. Fl-24 ta' Frar 2022 Rashevsky attenda laqgħa tan-negozjanti ewlenin mal-President Putin fil-Kremlin biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi dik il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku ta' ġewwa ta' negozjanti ewlenin qrib il-President Putin u li qed jappoġġa jew jimplementa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	15.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
903.	<p>Elena Petrovna TIMCHENKO (imwiela ERMAKOVA (YERMAKOVA))</p> <p>(Елена Петровна ТИМЧЕНКО (ЕРМАКОВА))</p>	<p>Funzjoni: Kopresident tal-Foundation Timchenko</p> <p>Nazzjonalità: Russa, Finlandiża</p> <p>Individwu assoċjat: Gennady Timchenko (ir-raġel)</p> <p>Sess: mara</p>	<p>Elena Timchenko hija mart Gennady Timchenko, li ilu żmien twil jaf lill-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, u huwa wieħed mill-persuni ta' fiduċja tiegħu.</p> <p>Flimkien ma' żewġha tamministra l-kumpanija immoblijari Sci Ruth, u akkwistat proprjetà immobbli flimkien miegħu, li juri rabtiet importanti ta' proprjetà bejniethom.</p> <p>Barra minn hekk, hija kkofinanzjat ma' żewġha n-Neva Foundation. Elena Timchenko taqdi rwol importanti u hija assoċjata mill-qrib ma' żewġha fit-Timchenko Foundation li twettaq uħud mill-attivitajiet tagħha b'rabta mal-grupp ta' investiment Volga Group, li Gennady Timchenko huwa fundatur u azzjonist tiegħu u li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija tar-Russja u l-iżvilupp tagħha.</p> <p>Għalhekk, Elena Timchenko hija assoċjata ma' Gennady Timchenko, li huwa ddeżinjat skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK, fost affarijiet oħra minħabba li huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u li appoġġa finanzjarjament u materjalment lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna, u bbenefika minnhom.</p>	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
908.	Kirill Nikolayevich SHAMALOV (Кирилл Николаевич ШАМАЛОВ)	Data tat-twelid: 22.3.1982 Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa St. Petersburg, Russian Federation) Funzjoni: Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija ta' Sibur Holding PJSC; Membru tal-Public Council of Rossotrudnichestvo (Federal Agency for the Commonwealth of Independent States, Compatriots Living Abroad, and International Humanitarian Cooperation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Kirill Shamalov huwa Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija u responsabbli għall-iżvilupp sostenibbli fi ħdan il-Kumitat tat-Tmexxija ta' Sibur Holding PJSC, l-akbar kumpanija integrata tal-petrokimiċi fir-Russja. Baqa' azzjonist ta' Sibur Holding u żamm pożizzjoni maniġerjali fil-kumpanija. Barra minn hekk qed jibbenefika mir-rabtiet personali tiegħu mal-Kremlin u kellu pożizzjonijiet għolja f'ħafna kumpaniji Russi kbar. Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa membru tal-Public Council of Rossotrudnichestvo (Federal Agency for the Commonwealth of Independent States, Compatriots Living Abroad, and International Humanitarian Cooperation) li stabbilixxa, fuq inizjattiva tiegħu, kummissjoni għall-interazzjoni mal-komunità tan-negozju.	8.4.2022
909.	Igor Albertovich KESAEV (Игорь Альбертович КЕСАЕВ)	Data tat-twelid: 30.10.1966 Post tat-twelid: Vladikavkaz, North Ossetia, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: Koproprietarju u President ta' Mercury Group Nazjonalità: Russa, Ċiprijotta Sess: raġel	Igor Kesaev huwa koproprietarju u president ta' Mercury Group, li kien assoċjat ma' Megapolis Group, id-distributur ewlieni tat-tabakk fir-Russja. Skont Forbes, għandu valur nett ta' USD 3.6 biljun. Huwa azzjonist ewlieni f'Mercury Group u Megapolis Group. Igor Kesaev huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
914.	Sergey Vladimirovich MIKHAILOV (magħruf ukoll bħal Sergei MIKHAILOV) (Сергей МИХАЙЛОВ)	Data tat-twelid: 17.3.1971 Post tat-twelid: Arkhangelsk, Russian Federation Funzjoni: Eks Direttur Ġenerali tar-Russian News Agency TASS Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Mikhailov kien id-Direttur Ġenerali tar-Russian News Agency TASS, l-akbar aġenzija tal-aħbarijiet Russa, li permezz tan-network enormi tagħha ta' rappreżentanzi barranin, li jinkludi 70 uffiċċju fil-Komunità ta' Stati Indipendenti u 68 uffiċċju madwar id-dinja, ixxerred informazzjoni b'taġħwiġ tal-fatti dwar l-Ukrajna, u b'hekk taqdi l-interessi tat-tmexxija politika tal-Federazzjoni Russa. Il-President Vladimir Putin tah l-Ordni tal-Ħbiberija. Sergey Mikhailov huwa inkluż fir-riżerva ta' persunal tal-President tar-Russja. Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	8.4.2022
917.	Musa Yusupovich BAZHAEV (Муса Юсупович БАЖАЕВ)	Data tat-twelid: 11.5.1966 Post tat-twelid: Achkoy Martan, Chechnya, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: negozjant Russu; President attwali ta' Moscow Alliance Group li għandu assi fin-negozji taż-żejt, tal-kostruzzjoni, tat-tessuti, tal-ikel, in-negozju finanzjarju u dak tal-media; President ta' Russian Platinum Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Musa Bazhaev huwa l-President ta' JSC Alliance Group li fost il-klijenti ewlenin tiegħu għandu l-akbar rappreżentanti tal-industriji tal-gass u ż-żejt, faċilitajiet industrijali, is-settur tat-telekomunikazzjoni u l-akkomodazzjoni u l-utilitajiet pubbliċi. Huwa l-President tal-Bord tad-Diretturi ta' Russian Platinum, identifikata bħala waħda mill-kumpaniji ewlenin tal-estrazzjoni tar-Russja li ttipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Fl-2021 VEB.RF, VTB Group u Russian Platinum iffirmaw memorandum ta' intenzjoni biex jiffinanzjaw id-depożitu ta' Chernogorsk ta' minerali tal-platinu, ram u nikil fir-Reġjun ta' Krasnoyarsk. Iċ-ċerimonja tal-iffirmar saret matul il-Forum Ekonomiku Internazzjonali ta' San Pietruburgu fil-preżenza tal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin. Musa Bazhaev huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja, u huwa fost l-aktar 200 Russu għonja, u huwa negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk Musa Bazhaev huwa assoċjat ma' VEB.RF, istituzzjoni Russa għall-iżvilupp finanzjarju li b'mod attiv tappoġġa materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna, jew tibbenefika minnhom.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
923.	Anastasia IGNATOVA (Анастасия ИГНАТОВА)	Data tat-twelid: 15.2.1988 Individwi assoċjati: Sergei Chemezov (żewġ ommha) Ekaterina Ignatova (ommha) Lyudmila Rukavishnikova (nannitha) Nazjonalità: Russa Sess: mara	Anastasia Ignatova hija bint il-mara ta' Sergei Chemezov, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-korporazzjoni tal-Istat Rostec (State Corporation for the Promotion of the Development, Manufacture and Export of High Tech Products). Bħala bint il-mara ta' Sergei Chemezov għandha assi kbar assoċjati miegħu permezz ta' kumpaniji offshore. Anastasia Ignatova kienet formalment tippożżiedi l-jott ta' 85m "Valerie" li jiswa USD 140 miljun (aktar minn RUB 10 biljun) permezz ta' kumpanija tal-Gżejjer Verġni Brittaniċi li jisimha Delima Services Limited. Barra minn hekk hija l-benefiċjarju ta' kumpaniji offshore b'mijiet ta' miljuni ta' dollari f'assi. Anastasia Ignatova hija membru tal-familja immedjata li tibbenefika mir-raġel ta' ommha Sergei Chemezov.	8.4.2022
930.	Igor Evgenievich KONASHENKOV (Игорь Евгеньевич КОНАШЕНКОВ)	Data tat-twelid: 15.5.1966 Post tat-twelid: Chisinau, Republic of Moldova Funzjoni: Kap tad-Dipartiment tal- Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-Ministeru għad-Difiża tar- Russian Federation Logutenent General Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Konashenkov huwa l-Kap tad-Dipartiment tal- Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, bil-grad ta' Logutenent Ġeneral. Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kelliem Ewlieni għall-Ministeru għad-Difiża Russu huwa kien responsabbli għall-manipulazzjoni tal-informazzjoni u t-tixrid tad- diżinformazzjoni dwar l-azzjonijiet militari Russi fl-Ukrajna. Huwa ppromwova attitudni pożittiva lejn il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata mir-Russja kontra l- Ukrajna, l-annessjoni tal-Krimea u l-azzjonijiet tas-separatisti f' Donbas, ippreżenta s-sitwazzjoni fl-Ukrajna b'mod preġudikat u xerred id-diżinformazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Ukrajna u tal- Punent. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal- Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is- sigurtà fl-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
932.	Alexander Yevgenevych ANANCHENKO (Александр Евгеньевич АНАНЧЕНКО)	Data tat-twelid: 2.2.1966 Sess: raġel	L-eks hekk imsejjaħ "Prim Ministru" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumta din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Kien Membru tal-Kunsill tal-Kumitat tal-Kunsill Federali dwar l-Istruttura Federali, il-Politika Reġjonali, l-Awtonomija Lokali u l-Affarijiet tat-Tramuntana.	8.4.2022
934.	Igor Yurievich ANTIPOV (Игорь Юрьевич АНТИПОВ/ Игор Юрійович АНТИПОВ)	Data tat-twelid: 26.5.1961 Sess: raġel	Kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Informazzjoni" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumta din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
946.	Igor Nikolaevich HALEPA (Игорь Николаевич ХАЛЕПА/ Игор Миколайович ХАЛЕПА)	Data tat-twelid: 19.5.1969 Sess: raġel	Kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Komunikazzjoni" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumta din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
947.	Sergei Sergeevich NAUMETS (Сергей Сергеевич НАУМЕЦ / Сергій Сергійович НАУМЕЦЬ)	Data tat-twelid: 13.7.1976 Sess: raġel	L-eks hekk imsejjaħ "Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u s-Servizzi Komunali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Sergei Naumets ikkontribwixxa b'mod attiv għal battaljun ta' voluntiera li qed jiġġieled f'Mariupol u madwarha f'isem il-forzi armati Russi. Billi assumta u aġixxa f'dawn il-kapaċitajiet, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
948.	Dmitriy Viktorovich PODLIPANOV (Дмитрий Викторович ПОДЛИПАНОВ/ Дмитро Вікторович ПОДЛИПАНОВ)	Data tat-twelid: 28.11.1964 Sess: raġel	Kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għat-Transport" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumta din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
950.	Ruslan Mihajlovich DUBOVSKIY (Руслан Михайлович ДУБОВСКИЙ/ Руслан Михайлович ДУБОВСЬКИЙ)	Data tat-twelid: 20.2.1974 Sess: raġel	Kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Faħam u l-Enerġija" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumu din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
952.	Aleksei Vladimirovich POLOVYAN (Алексе́й Влади́мирович ПОЛОВЯ́Н/ Олексі́й Володи́мирович ПОЛОВЯ́Н)	Data tat-twelid: 3.5.1979 Sess: raġel	Kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumu din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Aleksei Polovyan bħalissa huwa professur assoċjat fl-Economic Research Institute tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	8.4.2022
953.	Yuriy Nikolaevich SIROVATKO (Ю́рий Николаевич СИРОВАТКО/ Ю́рій Микола́йович СИРОВАТКО)	Data tat-twelid: 17.4.1978 Sess: raġel	Kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Ġustizzja" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumu din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
957.	Anna Yurievna TODOROVA (А́нна Ю́рьевна ТО́ДОРОВА/ Ганна Ю́рїївна ТО́ДОРОВА)	Data tat-twelid: 20.2.1988 Sess: mara	Kienet l-hekk imsejjaħ "Viċi President tal-Gvern" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Bħalissa, Todorova hija l-hekk imsejjaħ "Kap tas-Servizzi tal-Arkivji" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Billi assumiet din il-kapaċità u aġixxiet fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
958.	Anatoli Andreevich ANTONOV (Ана́толий Андре́евич АНТОНОВ)	Data tat-twelid: 6.11.1966 Sess: raġel	Kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għas-Sigurtà tal-Istat" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Billi assumu din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
967.	Yuriy Alexandrovich PRONKO (Юрий Александрович ПРОНЬКО)	Data tat-twelid: 2.4.1962 Sess: raġel	Kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Agricoltura u l-Ikel" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Billi assumta din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
969.	Maxim Alekseevich PROTASOV (Максим Алексеевич ПРОТАСОВ)	Data tat-twelid: 21.2.1976 Sess: raġel	Kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Kostruzzjoni u l-Akkomodazzjoni u s-Servizzi Komunali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Billi assumta din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
970.	Oleg Vasilievich FETISOV (Олег Васильевич ФЕТИСОВ)	Data tat-twelid: 30.3.1971 Sess: raġel	Kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Komunikazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-Massa" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Billi assumta din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
971.	Yuriy Anatolievich DEGTYAREV (Юрий Анатольевич ДЕГТЯРЕВ)	Data tat-twelid: 7.7.1977 Sess: raġel	Kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għar-Riżorsi Naturali u s-Sigurtà Ambjentali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Billi assumta din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
973.	Yuriy Nikolaevich AFANASEVSKY (Юрий Николаевич АФАНАСЬЕВСКИЙ)	Data tat-twelid: 12.12.1968 Sess: raġel	Kien l-hekk imsejjaħ "President tal-Kumitat Doganali tal-Istat" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Billi assumta din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
985.	Marina Vladimirovna MAGDALINA (Магдалина Марина ВЛАДИМИРОВНА / Магдалина Марина ВОЛОДИМИРОВНА)	Data tat-twelid: 4.1.1984 Sess: mara	Membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". B'hekk appoġġat u implimentat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
986.	Kirill Borisovich MAKAROV (Кирилл Борисович МАКАРОВ / Кирило Борисович МАКАРОВ)	Data tat-twelid: 6.11.1995 Sess: raġel	Membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u kap tal-hekk imsejħa organizzazzjoni "Young Republic". Bħalissa jservi bħala l-hekk imsejjaħ "Aġent Ministru għall-Ġustizzja" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". B'hekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	8.4.2022
988.	Igor Yuryevich MARTYNOV (Игорь Юрьевич МАРТИНОВ / Игор Юрійович МАРТИНОВ)	Data tat-twelid: 25.3.1991 Sess: raġel	Membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". B'hekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	8.4.2022
1173.	Eduard Yurevich KHUDAYNATOV (Эдуард Юрьевич ХУДАЙНАТОВ)	Data tat-twelid: 11.9.1960 Post tat-twelid: Shymkent, eks USSR (issa Kazakhstan) Nazjonalità: Russa Numru tal-passaport: 753296761 (Russu) Sess: raġel	Eduard Khudaynatov huwa negozjant Russu involut fis-settur tal-enerġija. Huwa sid l-"Independent Oil and Gas Company" (NOC, JSC Neftegazholding), waħda mill-akbar kumpaniji privati Russi u wieħed mill-produtturi ewlenin taż-żejt, li twettaq prospettar, esplorazzjoni u żvilupp ta' siti ta' estrazzjoni taż-żejt u tal-gass, raffinar taż-żejt, kif ukoll produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti petrolifiċi. Fl-2015, id-dħul tal-kumpanija ammonta għal USD 2.2 biljun. F'dawn l-aħħar snin, l-"Independent Oil and Gas Company" akkwistat ishma sinifikanti f'kumpaniji involuti fis-settur tal-enerġija, flimkien mal-liċenzji ta' estrazzjoni tagħhom, mingħand Rosneft li hija proprjetà tal-Istat. Barra minn hekk, NOC biegħet diversi siti ta' estrazzjoni taż-żejt lil Rosneft, li sussegwentement saret parti mill-proġett ta' Vostok Oil. F'dawn l-aħħar f'it snin, Rosneft ħallset ukoll USD 9.6 biljun lil Khudaynatov bi skambju għal kumpanija li hija proprjetarja ta' sit ta' estrazzjoni taż-żejt f'Taimyr. Fl-2019, NOC u Rosneft talbu lill-President Putin, u kisbu mingħandu, benefiċċji fir-rigward tal-attivitatiet ta' estrazzjoni tagħhom fl-Artiku.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Khudaynatov huwa assoċjat mal-oligarka Russu Igor Sechin u mal-President Vladimir Putin.</p> <p>Khudaynatov u Sechin ħadmu flimkien f'Rosneft, u l-kumpaniji tagħhom qed iwettqu attivitajiet kummerċjali b'mod konġunt fis-settur tal-enerġija.</p> <p>Huwa ħadem fuq l-ewwel kampanja elettorali presidenzjali ta' Putin fis-sena 2000, fejn immaniġġjaha fir-reġjun ta' Tyumen fejn huwa kien ilu membru reġjonali tad-Duma mill-1997.</p> <p>Huwa rċieva l-Ordni għall-Mertu lejn il-Patrija talli "saħħa il-pożizzjoni tar-Russja fis-suq dinji tal-enerġija u tejjeb il-prospetti ta' investiment tagħha".</p> <p>Għaldaqstant, Eduard Khudaynatov huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja, u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Huwa qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u huwa assoċjat ma' persuni elenkati.</p>	
1174.	<p>Pavel Evgenevich PRIGOZHIN (Павел Евгеньевич ПРИГОЖИН)</p>	<p>Data tat-twelid: 18.6.1998</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 780103765308</p> <p>Individwi assoċjati: Yevgeniy Viktorovich Prigozhin (missieru), Lyubov Valentinovna Prigozhina (ommu), Polina Evgenievna Prigozhina (oħtu)</p> <p>Entitajiet assoċjati: Lakhta Park, Lakhta Park Premium, Lakhta Plaza, Turtrans</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Pavel Prigozhin huwa iben il-mejjet Yevgeniy Prigozhin u werriet ewlieni tiegħu, u huwa negozjant ewlieni Russu li jopera fir-Russja b'rabtiet mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u mal-Ministeru għad-Difiża tar-Russja. Yevgeniy Prigozhin kien il-fundatur u l-kap mhux uffiċjali ta' Wagner Group, entità militari mhux inkorporata bbażata fir-Russja li hija responsabbli għall-istazzjonament ta' merċenarji fl-Ukrajna.</p> <p>Concord, magħrufa wkoll bħala KOMBINAT PITANIYA KONKORD OOO, kumpanija li Yevgeniy Prigozhin waqqaf u kellu s-sjieda tagħha sa Novembru 2019, kif ukoll grupp ta' kumpaniji oħra marbuta miegħu, inkluż Concord Management and Consulting LLC u Megaline LLC, kienu u għadhom qed jibbenefikaw minn kuntratti pubbliċi kbar mal-Ministeru għad-Difiża tar-Russja wara l-annessjoni illegali tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa u l-okkupazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna minn separatisti appoġġati mir-Russja.</p> <p>Pavel Prigozhin huwa assoċjat ma' diversi kumpaniji li qabel kienu jappartjenu lil ommu Lyubov Valentinovna Prigozhina: Beta LLC, Turstatus, Lakhta Park Premium LLC, Lakhta Park LLC u Lakhta Plaza LLC. Barra minn hekk Pavel Prigozhin huwa assoċjat mal-kumpanija JSC Businessprof li hija sid iċ-Ċentru Kummerċjali Sinop f'San Pietruburgu.</p>	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Pavel Prigozhin huwa l-werriet ewlieni u l-benefiċjarju tal-assi, tal-beni u tal-proprjetajiet ta' Yevgeniy Prigozhin. Huwa għalhekk negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u li qed jibbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna.</p> <p>Pavel Prigozhin ikkonferma pubblikament li huwa l-kmandant tal-Wagner Group u li nneozja mal-Gwardja Nazzjonali Russa (Rosgvardia), biex il-Wagner Group ikun jista' jkompli l-operazzjonijiet ta' għied fl-Ukrajna.</p> <p>Barra minn hekk Pavel Prigozhin serva f'Wagner Group fis-Sirja. Ikkonferma pubblikament li huwa involut fl-operazzjonijiet militari kontra l-Ukrajna billi jservi f'unità ta' Wagner Group fir-reġjun ta' Donbas. Għalhekk b'mod attiv jappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	
1194.	<p>Aleksandr Yurievych KOBETS (bir-Russu: Александр Юрьевич КОБЕЦ)</p> <p>Oleksandr Yuriyovych KOBETS (Bl-Ukren: Олександр Юрійович КОБЕЦЬ)</p>	<p>Data tat-twelid: 27.9.1959</p> <p>Nazzjonalità: Ukrena</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Kien l-hekk imsejjaħ sindku tal-belt ta' Kherson, imqiegħed hemm mill-awtoritajiet Russi. Okkupa din il-kariga mis-26 ta' April 2022 sakemm ir-reġjun ma baqax okkapat. Huwa ffaċilita l-ħruġ ta' passaporti Russi fil-belt ta' Kherson.</p> <p>F'din il-kapaċità, huwa għalhekk ta appoġġ u ppromwova politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	21.7.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
1215.	Aleksey Vladimirovich DENISENKO (Алексей Владимирович ДЕНИСЕНКО)	Data tat-twelid: 9.6.1978 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Aleksey Denisenko huwa membru tal-Assemblea Leġiżlattiva reġjonali ta' Chelyabinsk, membru tal-Presidentju tal-Kunsill Politiku Reġjonali, President tal-Kumitat tal-Assemblea Leġiżlattiva dwar il-Politika ta' Kostruzzjoni u Akkomodazzjoni u Servizzi Komunali u Kap tal-kunsill ta' koordinazzjoni intermuniċipali tar-Reġjun ta' Chelyabinsk. Barra minn hekk, huwa membru tal-partit fil-gvern "United Russia" allinjat mal-Kremlin u b'mod miftuħ jiġġustifika, jiddefendi u jappoġġa d-deċiżjoni tal-President Putin li jirrikonoxxi l-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk (DPR) u l-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk (LPR) bħala stati indipendenti, kif ukoll l-hekk imsejħa operazzjoni militari speċjali, li fi kliemu hija "operazzjoni ta' infurzar tal-paċi". Aleksey Denisenko huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukrajna, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	21.7.2022
1216.	Alexander Nikolaevich BELSKIY (Александр Николаевич БЕЛЬСКИЙ)	Data tat-twelid: 16.7.1975 Post tat-twelid: Leningrad, kienet eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Belskiy kien il-President tal-Assemblea Leġiżlattiva ta' San Pietruburgu mid-29 ta' Settembru 2021 bħala membru tal-partit politiku "United Russia" allinjat mal-Kremlin. L-Assemblea Leġiżlattiva hija l-ogħla u l-uniku korp leġiżlattiv ta' poter statali f'San Pietruburgu. L-Assemblea twaqqfet taħt il-liġi federali u hija rregolata minnha u taħdem mill-qrib mal-gvernatur ta' San Pietruburgu. Alexander Belskiy huwa wkoll l-Ewwel Viċi Segretarju tal-fergħa reġjonali tal-Partit "United Russia". Bħala President tal-Assemblea Leġiżlattiva, Alexander Belskiy huwa l-membri bl-ogħla kariga tal-Assemblea. B'riżultat ta' dan, Alexander Belskiy huwa politiku sinifikanti f'San Pietruburgu u lil hinn. Preċedentement, Alexander Belskiy serva bħala viċi gvernatur ta' San Pietruburgu fil-perjodu 2020-2021. F'dik il-kapaċità, huwa kien responsabbli għall-politika taż-żgħażaġh. Alexander Belskiy għadu jaħdem mat-tfal u jfittex li jindottrina lit-tfal b'fehmiert favur ir-reġim.	21.7.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
			<p>Alexander Belskiy huwa attiv fl-użu ta' għadd ta' kontijiet tal-media soċjali fuq is-servizzi Telegram u VKontakte u jippubblika artikli fil-media tal-partit "United Russia". Huwa ripetutament uża l-pjattaformi tal-media soċjali tiegħu biex jiġġustifika u jesprimi appoġġ għall-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna u feraħ lill-Krimea u Sevastopol għar-"riunifikazzjoni" tagħhom mar-Russja.</p> <p>Alexander Belskiy huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukrajna, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	
1217.	<p>Alexander Valentinovich ISHCENKO (Александр Валентинович ИЩЕНКО)</p>	<p>Data tat-twelid: 9.3.1970 Post tat-twelid: Rostov on Don, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel</p>	<p>Alexander Ishchenko huwa l-President tal-Assemblea Leġiżlattiva tar-Reġjun ta' Rostov u s-Segretarju tal-Ferġha Reġjonali ta' Rostov tal-partit "United Russia" allinjat mal-Kremlin (it-tnejn li huma mill-2016). Huwa wkoll membru tal-Kunsill Ġenerali tal-partit United Russia.</p> <p>Alexander Ishchenko huwa attiv ħafna fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh bħall-Parlament taż-Żgħażaġħ ta' Rostov u l-organizzazzjoni reġjonali politiko-militari taż-żgħażaġh "Youth Guard". Bħala President tal-Assemblea Leġiżlattiva huwa persuna pubblika u ta' spiss jidher fuq it-televiżjoni u l-aħbarijiet lokali u nazzjonali u f'avvenimenti pubbliċi.</p> <p>F'intervisti pubbliċi u f'posts fuq il-media soċjali, Alexander Ishchenko jappoġġa d-deċiżjoni tal-President Putin li jirrikonoxxi r-repubbliki separatisti - l-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk (LPR) u l-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk (DPR) - u jippromwovi l-messaġġi ta' propaganda tar-reġim.</p> <p>Minħabba l-influenza politika tiegħu, Alexander Ishchenko huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukrajna, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għal dik il-gwerra. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	21.7.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
1219.	<p>Nikolay Nikolaevich ZABOLOTNEV (Николай Николаевич ЗАБОЛОТНЕВ)</p>	<p>Data tat-twelid: 30.1.1992 Post tat-twelid: Chuy Region fit-tramuntana ta' Kyrgyz Republic Nazjonalità: Russa Sess: raġel</p>	<p>Nikolay Zabolotnev huwa l-kap tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali tal-Fergħa Reġjonali ta' Khanty-Mansiysk tal-partit fil-gvern "United Russia" allinjat mal-Kremlin. Huwa wkoll membru tas-seba' konvokazzjoni tad-Duma ta' Khanty-Mansi Autonomous Okrug–Yugra.</p> <p>Huwa wkoll l-eks kap tad-Duma taż-Żgħażaġħ (il-parlament taż-żgħażaġħ) f'Yugra, li tikkooopera mad-Dumas taż-Żgħażaġħ tal-awtoproklamati Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk (LPR) u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk (DPR). Nikolay Zabolotnev jattendi regolarment laqgħat, fora u avvenimenti tad-Duma taż-Żgħażaġħ ta' Yugra. Huwa kien fuq il-palk għal produzzjoni teatrali qasira meta attenda kunċert ta' karità reġjonali fl-1 ta' April 2022, fejn ġabar flus għall-appoġġ tal-hekk imsejħa operazzjonijiet umanitarji tar-Russja f'Donbass.</p> <p>Huwa esprima ripetutament l-appoġġ tiegħu għall-“operazzjoni speċjali” fuq stazzjon televiżiv reġjonali.</p> <p>Nikolay Zabolotnev huwa attiv ħafna fuq il-media soċjali u juża din il-pjattaforma biex jesprimi l-appoġġ tiegħu għal Putin u l-operazzjoni, biex jenfasizza li l-poplu tad-DPR u l-LPR jappoġġaw lir-Russja, biex ixerred rivendikazzjonijiet dwar ġenoċidju fir-reġjun ta' Donbas u biex jiddikjara li jeħtieġ li l-forzi Ukreni jinqerdu kompletament.</p> <p>Minħabba l-influenza politika tiegħu, Nikolay Zabolotnev huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukrajna, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	21.7.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
1220.	Nikolay Timofeevich VELIKDAN (Николай Тимофеевич ВЕЛИКДАНЬ)	Data tat-twelid: 6.3.1956 Post tat-twelid: Sovetskoye Runo, Ipatovsky District, Stavropol Territory, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Nikolay Velikdan huwa l-President tad-Duma Reġjonali ta' Stavropol mit-30 ta' Settembru 2021. Huwa membru tad-Duma Reġjonali ta' Stavropol mid-19 ta' Settembru 2021 u kien l-ewwel Viċi President tal-Gvern tat-Territorju ta' Stavropol. Huwa membru tal-partit fil-gvern "United Russia" allinjat mal-Kremlin u membru tal-Presidju tal-Kunsill Politiku Reġjonali tal-Partit. Fid-dikjarazzjonijiet tiegħu fis-siti web tal-aħbarijiet reġjonali Russi, Bez Formata u Stpravda, huwa appoġġa pubblikament u ppromwova l-invażjoni tal-Ukrajna billi xerred propaganda rigward l-invażjoni Russa u ddissemina stampa distorta tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna. Huwa jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni fl-"operazzjoni speċjali". Bħala wieħed mill-ogħla uffiċjali u President tad-Duma Reġjonali ta' Stavropol, huwa għandu influwenza konsiderevoli. Minħabba l-influwenza politika tiegħu, Nikolay Velikdan huwa responsabbli għall-inkitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukrajna, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	21.7.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1222.	Sergey Evgenievich TSIVILEV (Сергей Евгеньевич ЦИВИЛЕВ)	Data tat-twelid: 21.9.1961 Post tat-twelid: Zhdanov (Mariupol), eks USSR (issa Ukraine) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Tsivilev huwa l-gvernatur tar-reġjun ta' Kemerovo u figura pubblika magħrufa sew. Huwa wkoll membru tal-Bureau tal-Kunsill Ġenerali tal-partit United Russia. Permezz tal-interventi pubbliċi tiegħu, Sergey Tsivilev jiġġustifika, jiddefendi u jappoġġa apertament l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Huwa jikkomunika apertament dwar il-fatt li huwa sostenitur qawwi tal-President Putin, li jwassal għal xejra ta' inċitament pubbliku sistematiku li jappoġġa l-operazzjonijiet militari tar-Russja. Minħabba l-inflwenza politika tiegħu, huwa responsabbli għat-tixrid ta' propaganda favur ir-Russja u diżinformazzjoni rigward il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll għar-rwol attiv biex jiġbor l-appoġġ domestiku għall-kampanja militari Russa. Sergey Tsivilev esprima apertament l-appoġġ tiegħu għall-President għad-deċiżjoni tar-Russja li tirrikonoxxi l-indipendenza tal-hekk imsejħa Repubbliki ta' Luhansk u ta' Donetsk. Abbażi ta' dawn l-azzjonijiet, Sergey Tsivilev huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	21.7.2022
1228.	Sergey Vitalyevich BEZRUKOV (Сергей Витальевич БЕЗРУКОВ)	Data tat-twelid: 18.10.1973 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Bezrukov huwa attur u politiku Russu. Huwa wieħed mill-uċuħ pubbliċi tal-Partit "United Russia" u president tal-"Culture of the little homeland project". Huwa wkoll Membru tal-Kunsill Suprem tal-Partit "United Russia". Huwa xerred propaganda Russa b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa appoġġa l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja waqt spetakli mogħtija lis-soldati Russi li hađu sehem fil-gwerra, u lil tfał mill-hekk imsejħa Repubbliki tal-Poplu separatisti fir-reġjun ta' Donbas. Barra minn hekk, huwa esprima pubblikament l-appoġġ tiegħu għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mill-Federazzjoni Russa. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità, is-sovranià u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	21.7.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
1238.	Sergey Vladimirovich ELISEEV (Сергей Владимирович ЕЛИСЕЕВ)	Data tat-twelid: 5.5.1971 Post tat-twelid: Stavropol, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Indirizz: Kherson Oblast, Ukraine Entitajiet assoċjati: il-Gvern tal-Federazzjoni Russa	L-hekk imsejjaħ “Kap tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta’ Kherson”, inħatar f’din il-pożizzjoni mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fil-5 ta’ Lulju 2022. Għalhekk, kien parti mill-hekk imsejjaħ gvern tal-oblast okkupat ta’ Kherson u responsabbli mit-tnejniet ta’ referendum illegali biex Kherson isir parti mill-Federazzjoni Russa. Bħalissa huwa l-Ewwel Viċi President tal-Gvern tar-Reġjun ta’ Kaliningrad — Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-Gvernatur tar-reġjun ta’ Kaliningrad fl-Assemblea Leġiżlattiva tar-reġjun ta’ Kaliningrad. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
1239.	Mikhail Leonidovich RODIKOV (Михаил Леонидович РОДИКОВ)	Data tat-twelid: 26.1.1958 Post tat-twelid: Ozyory, Moscow region, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Sergey Eliseev Entitajiet assoċjati: il-Gvern tal-Federazzjoni Russa	Eks l-hekk imsejjaħ “Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza” tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta’ Kherson, inħatar f’din il-pożizzjoni mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fl-4 ta’ Lulju 2022. Huwa kien responsabbli għall-adattament tas-sistema edukattiva ta’ Kherson għall-istandards Russi. Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tal-Oblast okkupat ta’ Kherson responsabbli mit-tnejniet ta’ referendum illegali biex Kherson isir parti mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1240.	Vladimir Alexandrovich BESPALOV (Владимир Александрович БЕСПАЛОВ)	Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: il-Gvern tal-Federazzjoni Russa	Eks l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Politika Domestika" tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta' Kherson, inġar f'din il-pożizzjoni mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fl-4 ta' Lulju 2022. Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tal-Oblast okkupat ta' Kherson responsabbli mit-tħejjiet ta' referendum illegali biex Kherson isir parti mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
1241.	Vitaliy Pavlovich KHOTSENKO (Виталий Павлович ХОЦЕНКО)	Data tat-twelid: 18.3.1986 Post tat-twelid: Dnepropetrovsk, eks USSR (issa Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Indirizz: Donetsk, Ukraine	Eks Prim Ministru tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk, inġar f'din il-pożizzjoni fit-8 ta' Ġunju 2022, fejn kien responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Huwa nġar Gvernatur tar-Reġjun ta' Omsk mid-29 ta' Settembru 2023. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
1242.	Vladislav Garievich KUZNETSOV (Владислав Гариевич КУЗНЕЦОВ)	Data tat-twelid: 18.3.1969 Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Eks l-Ewwel Viċi President tal-gvern tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", inġar f'din il-pożizzjoni fit-8 ta' Ġunju 2022, fejn kien responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-gvern tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Huwa nġar Gvernatur ta' Chukotka Autonomous Okrug mill-15 ta' Marzu 2023. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1246.	Alan Valerievich LUSHNIKOV (Алан Валерьевич ЛУШНИКОВ)	Data tat-twelid: 10.8.1976 Post tat-twelid: Leningrad, eks USSR, (issa St. Petersburg, Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: JSC Kalashnikov Concern	L-akbar azzjonist u President tal-produttur tal-armi JSC Kalashnikov Concern. JSC Kalashnikov Concern huwa żviluppatur u manifattur Russu ta' tagħmir tal-armata, inkluż azzarini personali, missili u vetturi. Huwa kkontrollat direttament minn Rostec. Missili ggwidati tal-inġenji tal-ajru Vikhr-1 u azzarini tal-assalt AK-12 prodotti minn JSC Kalashnikov Concern intużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-2022. Huwa għalhekk responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddeu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' JSC Kalashnikov Concern, li huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddeu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Il-korporazzjonijiet tad-difiża tar-Russja u l-individwi affiljati magħhom jibbenefikaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna li għaddeja bħalissa. JSC Kalashnikov Concern jikkontribwixxi kemm għall-provvista ta' armi lill-Forzi Armati Russi kif ukoll jibbenefika mill-hteġa dejjem tikber għall-armi. Għalhekk, Alan Lushnikov qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	6.10.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
1270.	Abdollah MEHRABI عبدالله مهرايى	Data tat-twelid: 22.12.1961 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Pożizzjoni: Kap tal-Islamic Revolutionary Guard Corps Aerospace Force (IRGC AF) Research and Self-Sufficiency Jihad Organization	Il-Brigadier Ġeneral Abdollah Mehrabi huwa l-kap tal-Islamic Revolutionary Guard Corps Aerospace Force (IRGC AF) Research and Self-Sufficiency Jihad Organization u eks-koproprjetarju ta' OJE Parvaz Mado Nafar Company (Mado) elenkata mill-UE. Mehrabi akkwista magni ta' Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAV) minn Mado għall-użu mill-IRGC AF Research and Self-Sufficiency Jihad Organization. Il-magni manifatturati minn Mado nstabu fl-UAVs Iranjani Shahed-136 użati mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Mehrabi mexxa lid-delegazzjoni Iranjana fit-taħditiet dwar pjanijiet biex tinbena fabbrika ġdida fir-Russja li tista' tagħmel mill-inqas 6 000 droni mfassla mill-Iran. Għaldaqstant, il-Brigadier Ġeneral Abdollah Mehrabi qed jappoġġa azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022
1307.	Alexander Arkadyevich ZHUKOV (Александр Аркадьевич ЖУКОВ)	Data tat-twelid: 29.12.1974 Post tat-twelid: Shiryana, eks USSR, (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Zhukov huwa membru tal-Kunsill Federali u senatur għar-Repubblika ta' Khakassia. Fl-4 ta' Ottubru 2022 irratifika l-erba' trattati bejn il-Federazzjoni Russa u l-Hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk, l-Hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk, ir-reġjun ta' Zaporizhzhia, u r-reġjun ta' Kherson, u l-ammissjoni tagħhom fil-Federazzjoni Russa. Għaldaqstant, huwa appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabilizza aktar lill-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1381.	Stepan Kirillovich KOVALCHUK (Степан Кириллович КОВАЛЬЧУК)	Data tat-twelid: 3.5.1994 Post tat-twelid: Russia Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Stepan Kovalchuk huwa l-proneputi ta' Yuriy Kovalchuk. F'Diċembru 2021, il-kumpanija Sogaz, li hija kkontrollata minn Yuriy Kovalchuk, akkwistat ishma tan-network tal-media soċjali VK. Konsegwentement, Stepan Kovalchuk ġie promoss għal Viċi President Superjuri għall-Istrateġija tal-Media u l-Iżvilupp tas-Servizzi fil-VK u f'Settembru 2023, inħatar bħala l-Kap tal-grupp tan-negozju "Social Platforms and Media Content". Għaldaqstant Stepan Kovalchuk huwa persuna fiżika assoċjata mill-qrib ma' persuna elenkata, Yuriy Kovalchuk, li ilu żmien twil jaf lill-President Vladimir Putin, kofundatur tal-hekk imsejħa Ozero Dacha, soċjetà kooperattiva li tlaqqa' grupp influwenti ta' individwi madwar Putin, u l-president u l-akbar azzjonist tal-Bank Rossiya.	16.12.2022
1412.	Yan Igoroevich PETROVSKIY Pseudonimu: Jan PETROVSKY, Yan PETROVSKY, "Veliki Slavian", "Velikiy Slavyan" (Ян Игоревич ПЕТРОВСКИЙ) magħruf ukoll bħala Voislav TORDEN	Data tat-twelid: 2.1.1987 Post tat-twelid: Irkutsk, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Yan Petrovskiy huwa l-mexxej u l-kmandant tal-grupp paramilitari Russu "Task Force 'Rusich'", li jżomm rabtiet mal-kumpanija militari privata Russa Wagner Group u possibbilment jopera bħala subunità ta' Wagner. It-Task Force Rusich qed tipparteċipa fil-ġlieda flimkien mal-forzi militari tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. "Rusich" għandha storja twila ta' ġlied flimkien ma' proxies appoġġati mir-Russja fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna. Fl-2015, il-merċenarji ta' "Rusich" ġew akkużati li wettqu atroċitajiet kontra suldati Ukreni mejta u maqbuda, u ġew iffilmjati jagħmlu dan. Fil-kapaċità tiegħu bħala mexxej u kmandant tat-Task Force "Rusich" Yan Petrovskiy huwa responsabbli talli jappoġġa jew jimplementa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma tal-organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
1483.	Marina Magomednebiyevna AKHMEDOVA (Марина Магомеднебиевна АХМЕДОВА)	Funzjoni: Kittieba u ġurnalista, Kap Editriċi tal-edizzjoni online ta' Regnum, Viċi-Kap Editriċi tar-rivista Russkiy Reporter, Membru tal-Kunsill Presidenzjali għas-Soċjetà Ċivili u d-Drittijiet tal-Bniedem	Marina Akhmedova hija kittieba Russa. Hija membru tal-Kunsill Presidenzjali għas-Soċjetà Ċivili u d-Drittijiet tal-Bniedem, fejn hija parti mill-grupp ta' ħidma dwar l-hekk imsejħa "operazzjoni militari speċjali" (gwerri ta' aggressjoni) fl-Ukrajna. Mill-bidu tal-gwerri ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, hija appoġġat l-invażjoni mir-Russja, u xerrdet propaganda u diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerri. Għalhekk, hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1486.	Yulia Alexandrovna BELEKHOVA (Юлия Александровна БЕЛЕХОВА)	Funzjoni: Membru tal-Kunsill Presidenzjali għas-Soċjetà Ċivili u d-Drittijiet tal-Bniedem, Kap tal-grupp ta' ħidma dwar l-hekk imsejħa "operazzjoni militari speċjali" (gwerri ta' aggressjoni) fl-Ukrajna, Kap tal-fergħa reġjonali ta' Moska tal-koalizzjoni politika favur Putin, l-All-Russia People's Front, Kap tal-Kumitat għall-Familji tas-Soldati tal-Patrija	Yulia Belehova hija membru tal-Kunsill Presidenzjali għas-Soċjetà Ċivili u d-Drittijiet tal-Bniedem, u president tal-grupp ta' ħidma tal-Kunsill dwar l-hekk imsejħa "operazzjoni militari speċjali" (gwerri ta' aggressjoni) fl-Ukrajna. Hija wkoll kap tal-fergħa reġjonali ta' Moska tal-All-Russia People's Front li huwa favur Putin. Hija appoġġat il-gwerri ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna u pparteċipat f'avvenimenti ta' propaganda b'appoġġ għall-gwerri. Għalhekk, hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1487.	Vyacheslav Aleksandrovich BOGUSLAYEV (Вячеслав Александрович БОГУСЛАЕВ)	Data tat-twelid: 28.10.1938 Post tat-twelid: Oral/ Uralsk, USSR (issa Kazakhstan) Funzjoni: Eks President ta' JSC MOTOR SICH; Eks membru tal-parlament Ukren Nazzjonalità: Nazzjonalità: Ukrena, Russa Sess: raġel	Vyacheslav Boguslayev huwa eks deputat Ukren tal-Party of Regions li huwa favur ir-Russja u huwa eks President tal-kumpanija JSC MOTOR SICH, manifattur Ukren tal-magni tal-inġenji tal-ajru. Huwa responsabbli għall-forniment ta' magni lill-armata Russa biex jiġu prodotti u msewwija ħelikopters tal-ġlied (Mi-8, Mi24, Mi28 u Ka-52) li ntużaw b'mod estensiv matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, speċjalment fil-bidu tal-gwerra. Huwa kompla jipprova tagħmir militari lit-truppi Russi minkejja l-gwerra, u għadu jappoġġa lill-forzi armati Russi. F'Ottubru 2022 l-awtoritajiet Ukreni żammewh f'detenzjoni u akkużawh b'attivitajiet kollaborattivi, kif ukoll b'"kompliċità mal-Istat aggressur" u tradiment. Vyacheslav Boguslaev ħallas ukoll taxxi u pagamenti doganali favur l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", li ntużaw biex il-fruntieri tal-Ukrajna jiġu mċaqilqa bil-forza. Għalhekk qed iwettaq ukoll tranżazzjonijiet mas-separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
1535.	<p>Andrey Olegovich KONDRASHOV (Андрей Олегович КОНДРАШОВ)</p>	<p>Funzjoni: Eks Viċi Direttur Ġenerali ta' All-Russia Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK); Direttur Ġenerali ta' Russian News Agency TASS</p> <p>Data tat-twelid: 30.6.1973</p> <p>Post tat-twelid: Alma-Ata, eks USSR (issa Kazakhstan)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Andrey Kondrashov huwa l-eks Viċi Direttur Ġenerali ta' All-Russia Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK), l-akbar korporazzjoni tal-media tar-Russja. Huwa wkoll id-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija ta' Russian News Agency TASS.</p> <p>Qabel ma sar l-Ewwel Viċi Direttur ta' VGTRK, huwa ħadem bħala segretarju tal-istampa tal-kwartieri ġenerali tal-kampanja ta' Putin u kiteb "dokumentarji" bħal "Crimea. The Way Home" u "Putin". Huwa rċieva l-premju tal-Ordni ta' Ħbiberija mill-President Putin għal "professjonaliżmu kbir u oġġettività fir-rappurtar ta' avvenimenti fir-Repubblika tal-Krimea" f'Mejju 2014.</p> <p>Huwa kien inkarigat mill-politika ta' informazzjoni ta' VGTRK u d-direttur tal-programm Vesti - News. Matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, stazzjonijiet tat-TV u partijiet oħra tal-kumpanija VGTRK holding kienu fost l-aktar strumenti attivi u importanti fit-tixrid tan-narrattiva tal-Kremlin u li jappoġġaw il-gwerra b'kummentarji aggressivi, li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukrajna u jappoġġaw l-annessjoni illegali tal-Krimea.</p>	23.6.2023"

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"63.	JSC United Shipbuilding Corporation (bir-Russu: АО Объединённая Судостроительная Корпорация)	Indirizz: 11 Bolshaya Tatarskaya Str., Moscow 115184, Russian Federation Street Marat, 90, St. Petersburg, 191119, Russian Federation Telefown: +7 495 617 33 00; +7 812 494-17-42 (St. Petersburg) Sit web: https://www.aosk.ru Posta elettronika: info@aosk.ru Numru tat-taxxa: 7838395215 Numru tar-reġistrazzjoni tal-Istat: 1079847085966	United Shipbuilding Corporation hija konglomerat statali Russu ta' bini tal-bastimenti, li huwa l-fornitur ewlieni ta' bastimenti tal-gwerra militari lill-Forza Navali Russa. Hija sid ta' diversi tarzni u uffiċji ta' disinn. Il-bastiment kbir ta' żbark "Pyotr Morgunov" tal-proġett 11711, li nbena minn United Shipbuilding Corporation, ħa sehem fl-invażjoni illegali Russa tal-Ukrajna fl-2022. Il-bastiment tal-għassa tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed "Vasily Bykov" tal-proġett 22160 iddisinnjat minn United Shipbuilding Corporation, ukoll ħa sehem fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, l-uffiċju ta' disinn "Almaz", proprjetà ta' United Shipbuilding Corporation, żviluppa l-korvetti tal-proġett 22800, li wħud minnhom inbnew fit-tarzni li jinsabu fit-territorju tal-Krimea u Sevastopol annessi illegalment u li kkontribwew għall-militarizzazzjoni tal-Peniżola tal-Krimea. Għaldaqstant, JSC United Shipbuilding Corporation hija responsabbli talli appoġġat, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Assoċjata ma' Andrei Leonidovich Kostin, li huwa l-kap tal-bord tad-diretturi ta' JSC United Shipbuilding Corporation. Assoċjata wkoll ma' VTB Bank, li jimmaniġġja JSC United Shipbuilding Corporation permezz ta' trust kif iddikjarat mill-President Vladimir Putin fl-2023.	15.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
83.	JSC GTLK State Transport Leasing Company	<p>Indirizz: 31a Leningradsky Avenue, bldg. #1, Moscow 125284, Russian Federation</p> <p>Indirizz legali: 73 Respublika St., Suite 100, Salekhard, Yamalo-Nenets Autonomous Area, 62900B, Russian Federation</p> <p>Tip ta' entità: Kumpanija tat-trasport</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 2001</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation</p> <p>Entitajiet assoċjati: GTLK Europe, GTLK Asia, GTLK Middle East</p> <p>Telefown: (495) 221-00-12 8-800-200-12-99</p> <p>Posta elettronika: gtlk@gtlk.ru</p>	<p>JSC GTLK hija intrapriża tal-istat Russu ssorveljata mill-Ministeru għat-Trasport Russu. GTLK topera fit-trasport bl-ajru, bil-baħar u bil-ferrovija, trasport tal-passiġġieri, vetturi u tagħmir speċjali għal kumpaniji domestiċi fl-industrija tat-trasport, u twettaq attivitajiet ta' investiment biex tiżviluppa l-infrastruttura tat-trasport tar-Russja. Hija l-akbar kumpanija tal-kiri tat-trasport fir-Russja. Fl-2020, il-portafoll ta' lokazzjoni ta' GTLK ġie vvalutat għal RUB 1.3 biljun, u għandha kumpaniji sussidjarji fil-Lvant Nofsani, fl-Asja u fl-Ewropa. GTLK stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li toħloq flotta ta' droni, importati miċ-Ċina biex twettaq missjonijiet ta' sorveljanza mill-ajru. GTLK hija entità legali, li tappoġġa finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u tibbenefika minnu, li hija responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	8.4.2022
210.	Wagner Group (bir-Russu: Группа Вагнера) magħruf ukoll bħala Wagner Group PMC Wagner Liga League	<p>Individwi assoċjati: Pavel Prigozhin; Mikhail Vatanin</p>	<p>Wagner Group huwa entità militari privata mhux inkorporata bbażata r-Russja, li ġiet stabbilita fl-2014 bħala organizzazzjoni suċċessur ta' Slavonic Corps. Huwa mmexxi minn Pavel Prigozhin u Mikhail Vatanin. Permezz tal-istabiliment ta' entitajiet lokali, u bl-appoġġ tal-gvernijiet lokali, Wagner Group jiffinanzja u jwettaq l-operazzjonijiet tiegħu. Wagner Group mexxa l-attakki kontra l-bliet Ukreni ta' Soledar u Bakhmut f'Jannar 2023 u qed jipparteċipa b'mod attiv fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Wagner Group huwa responsabbli għall-appoġġ materjali għal azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	13.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
216.	Joint-stock company "PMC Wagner Centre" (ЧБК Вагнер Центр)	Indirizz: 15 Zolnaya Street, Building 1, Room 1-N, Ch.P. 194 (Office 206) Saint-Petersburg, municipal district Pravoborezhny Russian Federation Sit web: https://wagnercentr.ru/ Posta elettronika: info@wagnercentr.ru Tip ta' entità: Kumpanija b'ishma konġunti Post tar-reġistrazzjoni: St. Petersburg, Russian Federation	PMC Wagner Centre huwa impriża kummerċjali Russa li għandha l-għan li tappoġġa l-investiment u l-innovazzjoni tas-settur privat sabiex tappoġġa u ssaħħaħ il-kapaċitajiet tad-difiża tar-Russja. Iċ-Ċentru qed jissorvelja proġetti tal-inġinerija u tal-IT b'dak l-għan u nieda programm dwar it-tħaddim ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs). Iċ-Ċentru u l-attivitajiet tiegħu huma marbuta mill-qrib mal-omonimu tiegħu, il-PMC Wagner Group, entità militari mhux inkorporata bbażata fir-Russja li hija responsabbli għall-iskjerament tal-mercenarij tal-Grupp Wagner fl-Ukrajna. Permezz tal-kontribut tiegħu għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, huwa responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023
235.	Poisk-IT LLC Obshchestvo S Ogranichennoi Otvetstvennostiu Nauchno-Tekhnicheskii Tsentr "Poisk-IT" magħrufa wkoll bħala Limited Liability Company Scientific and Technical Center "Poisk-IT"	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (125183, Moscow, Bolshaya Akademicheskaya st., 73 k. 3, premises. 5n.) Data tar-reġistrazzjoni: 29.5.2020 Numru tar-reġistrazzjoni: 9715384055 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Poisk-IT LLC għandha liċenzja amministrata mill-FSB. Il-liċenzja tal-FSB tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni, u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jżviluppaw "sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali" għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' għbir ta' intelligence). Għalhekk, Poisk-IT LLC tikkostitwixxi entità li topera fis-settur tal-IT Russu b'liċenzja amministrata miċ-Ċentru tal-FSB għall-Għoti ta' Liċenzji, iċ-Ċertifikazzjoni, u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
237.	<p>Akuta JSC magħrufa wkoll bħala Acuta</p> <p>magħrufa wkoll bħala Zakrytoe Aktsionernoe Obschestvo "Akuta"; (Закрытое Акционерное Общество "Акута"; magħrufa wkoll bħala "Акута")</p>	<p>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (197110, Saint Petersburg, ul. Pionerskaia, 44)</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 25.9.2008</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 7813426574 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa)</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation</p>	<p>Akuta JSC għandha liċenzja amministrata mill-FSB "biex twestaq xogħol relatat mal-użu ta' informazzjoni li tikkostitwixxi sigriet tal-Istat". Il-liċenzja tal-FSB tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni, u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jżviluppaw "sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali" għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' ġbir ta' intelligence). Barra minn hekk, Akuta għandha liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ. Din il-liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ isservi għall-"iżvilupp, il-produzzjoni, l-ittestjar, l-installazzjoni, il-manutenzjoni, ir-rimi u l-bejgħ ta' armi u tagħmir militari". B'mod partikolari, Akuta JSC tipproduċi "Inġenji Sommerġibbli Mingħajr Bdot Abbord" (UUV) għall-Forzi Armati Russi, li huma skjerati għal missjonijiet ta' intelligence, sorveljanza u tkixxif, gwerra antisottomarini, operazzjonijiet ta' informazzjoni, u attakki f'mument kritiċi. L-entità tiddeskrivi lilha nnifisha bħala li topera fis-settur tal-IT Russu, billi taħdem "prinċipalment fil-qafas tal-ordni tad-difiża tal-istat [Russu] [ma'] intrapriżi akbar tal-kumpless militari industrijali [Russu]". Barra minn hekk, Akuta għandha liċenzja "għal attivitajiet fil-qasam tal-ħolqien tas-sigurtà tal-informazzjoni", li hija amministrata mit-tmien direttorat tal-GRU, jiġifieri l-aġenzija tal-intelligence militari barranija tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa.</p>	23.6.2023
239.	<p>20th Guards Combined Arms Army (20-я гвардейская Краснознаменная общевойсковая армия magħruf ukoll bħala гвардейская общевойсковая армия")</p>	<p>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (606083, Nizhny Novgorod region, Volodarsky district, Mulino)</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 14.12.2009</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 3666162144 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa)</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation</p>	<p>It-20th Guards Combined Arms Army hija parti mill-Forzi tal-Art Russi u tipparteċipa direttament fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Immexxija minn Sukhrab Akhmedov, it-20th Guards Combined Arms Army hija deskritta mill-Ministeru għad-Difiża Russu bħala "l-akbar assoċjazzjoni tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, li qed tipparteċipa fl-aktar avvenimenti sinifikanti fil-ħajja militari tal-pajjiż". Matul l-invażjoni tal-Ukrajna fuq skala sħiħa mir-Russja, it-20th Guards Combined Arms Army ikkontribwiet direttament għall-offensiva tar-Russja mid-direzzjoni tal-Grigal.</p> <p>Għalhekk, it-20th Guards Combined Arms Army hija responsabbli li tappoġġa, materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
240.	53rd Anti-Aircraft Missile Brigade magħrufa ukoll bħala 53 rd Guards Anti-Aircraft Missile Brigade	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (305502, Kursk region, pos. Marshal Zhukov, military unit 32406) Data tar-reġistrazzjoni: 26.11.2009 Numru tar-reġistrazzjoni: 4611010810 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Il-53rd Anti-Aircraft Missile Brigade hija brigata tal-missili mill-wiċċ għall-ajru tal-Forzi tal-Art Russi u hija parti mit-20th Guards Army of the Russian Federation. Minn Settembru 2010, il-53rd Anti-Aircraft Missile Brigade wettqet missjonijiet ta' għied bħala parti mid-Distrett Militari tal-Punent u ġiet rikonoxxuta bħala waħda mill-brigati ewlenin tad-difiża tal-ajru tal-forzi tal-art Russi. Minn Frar 2022, il-53rd Anti-Aircraft Missile Brigade ikkontribwiet b'mod attiv għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-53rd Anti-Aircraft Missile Brigade ġiet skjerata fir-reġjun ta' Kharkiv tal-Ukrajna matul l-invażjoni fuq skala sħiħa tar-Russja, filwaqt li sparat missili kontra l-inġenji tal-ajru minn maħżen fl-Izium filwaqt li l-belt Ukrena kienet taħt okkupazzjoni Russa. Fi Frar 2023, il-53rd Anti-Aircraft Missile Brigade nġhatat nomina onorarja ġdida mill-President Putin għal "eroiżmu u valoriżmu tal-massa, reżistenza, u kuraġġ murija mill-persunal tal-brigata f'azzjonijiet ta' għied biex jiddefendu l-Patrija", x'aktarx fir-rigward tal-kontributi tal-brigata għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-President Putin iddeċieda li jagħti l-isem onorarju "Guards" lill-53 Anti-Aircraft Missile Brigade, u mill-21 ta' Frar 2023, li tissejjaħ 53rd Guards Anti-Aircraft Missile Brigade. Għalhekk, il-53rd Anti-Aircraft Missile Brigade qed tappoġġa materjalment azzjonijiet, li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
242.	AO "FTI-OPTRONIK" (ООО ФТИ-ОПТРОНИК)	<p>Indirizz: Politekhnikeskaya Ulitsa, 28, St Petersburg, Russia, 194021</p> <p>Sit web: http://www.fti-optronic.com/Optoelektronnye-komponenty.html</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Saint Petersburg, Russian Federation</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 3.7.2013</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: INN 7802830545</p> <p>BIN 1137847251740</p> <p>PPC 780101001</p> <p>OKPO 27492853</p> <p>Uffiċjal Kap Eżekuttiv: Viktor Yurievich Ilyin</p>	<p>AO "FTI-OPTRONIK" hija intrapriża Russa ta' riċerka u produzzjoni b'ċiklu sħiħ ta' ħidma mill-iżvilupp sal-produzzjoni pilota u serjali ta' prodotti optoelettroniċi. Bħalissa, FTI-Optronic hija l-unika intrapriża speċjalizzata fir-Russja li tipproduċi komponenti optoelettroniċi għas-sistemi ta' trażmissjoni tal-informazzjoni fibrottika, strumenti tal-kejl u tagħmir għal applikazzjonijiet speċjali. Il-gvern Russu jappoġġa l-manifatturi tat-teknoloġiji optoelettroniċi peress li l-produzzjoni domestika hija mistennija li tissostitwixxi teknoloġiji barranin neqsin meħtieġa mill-aktar setturi importanti u mill-industrija militari. Barra minn hekk, AO "FTI-OPTRONIK" tipprovdi servizzi, permezz ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku, lil JSC "Concern Sozvezdie", kumpanija speċjalizzata fil-produzzjoni ta' sistemi ta' kontroll u komunikazzjoni, gwerra elettronika u tagħmir speċjali għall-forzi armati Russi. Għalhekk, AO "FTI-OPTRONIK" tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. AO "FTI-OPTRONIK" tappoġġa u tibbenifika wkoll mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023"